



2021/0171(COD)

28.4.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-krediti għall-konsumatur
(COM(2021)0347 – C9-0244/2021 – 2021/0171(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marek Belka

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jstieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Id-diġitalizzazzjoni kkontribwiet għal żviluppi tas-suq li ma kinux previsti fiż-żmien meta ġiet adottata d-Direttiva 2008/48/KE. Fil-fatt, l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi rreġistrati mid-Direttiva tal-2008 ġabu bidliet sinifikanti fis-suq tal-kreditu għall-konsumatur, kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda, bħall-ħolqien ta' prodotti ġodda u l-evoluzzjoni tal-imġiba u l-preferenzi tal-konsumatur.

Emenda

(4) Id-diġitalizzazzjoni kkontribwiet għal żviluppi tas-suq li ma kinux previsti fiż-żmien meta ġiet adottata d-Direttiva 2008/48/KE. Fil-fatt, l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi rreġistrati mid-Direttiva tal-2008 ġabu bidliet sinifikanti fis-suq tal-kreditu għall-konsumatur, kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda, bħall-ħolqien ta' prodotti ġodda u l-evoluzzjoni tal-imġiba u l-preferenzi tal-konsumatur. ***Id-diġitalizzazzjoni ġabet magħha wkoll firxa wiesgħa ta' għażliet ta' awtentikazzjoni affidabbli. Ħafna minnhom jippermettu l-approvazzjoni diġitali u l-iffirmar ta' kuntratti ta' kreditu.***

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Huwa importanti li l-konsumaturi jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-moviment liberu tal-offerti ta' kreditu jsir bl-aħjar kundizzjonijiet kemm għal dawk li joffru l-kreditu kif ukoll għal dawk li jkollhom bżonnu, b'attenzjoni dovuta għal sitwazzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri.

Emenda

(12) Huwa importanti li l-konsumaturi jibbenefikaw minn livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur ***kif ukoll soluzzjonijiet konvenjenti u kosteffiċjenti.*** Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-moviment liberu tal-offerti ta' kreditu jsir bl-aħjar kundizzjonijiet kemm għal dawk li joffru l-kreditu kif ukoll għal dawk li jkollhom bżonnu, b'attenzjoni dovuta għal

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Id-definizzjonijiet li jinsabu f'din id-Direttiva jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni. L-obbligu tal-Istati Membri li jimplementaw din id-Direttiva jenħtieġ għalhekk li jkun limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif iddeterminat b'dawk id-definizzjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal oqsma mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. B'hekk Stat Membru jista' jżomm jew jintroduċi leġislazzjoni nazzjonali li tikkorrispondi għal din id-Direttiva jew għal uħud mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, pereżempju dwar ftehimiet ta' kreditu li mal-konklużjoni tagħhom il-konsumatur jintalab jiddepożita oġġett bħala garanzija fil-kustodja tal-kreditur u fejn ir-responsabbiltà tal-konsumatur tkun strettament limitata għal dak l-oġġett mirhun. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw din id-Direttiva wkoll għal kreditu konness, li ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' ftehim ta' kreditu konness f'din id-Direttiva. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu konnessi jistgħu jiġu applikati għal ftehimiet ta' kreditu li jservu biss parzjalment biex jiffinanzjaw kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizz.

Emenda

(14) Id-definizzjonijiet li jinsabu f'din id-Direttiva jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni ***u huma mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali fis-sitwazzjonijiet indikati hawn taħt***. L-obbligu tal-Istati Membri li jimplementaw din id-Direttiva jenħtieġ għalhekk li jkun limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha kif iddeterminat b'dawk id-definizzjonijiet. Madankollu, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għal oqsma mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. B'hekk Stat Membru jista' jżomm jew jintroduċi leġislazzjoni nazzjonali li tikkorrispondi għal din id-Direttiva jew għal uħud mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, pereżempju dwar ftehimiet ta' kreditu li mal-konklużjoni tagħhom il-konsumatur jintalab jiddepożita oġġett bħala garanzija fil-kustodja tal-kreditur u fejn ir-responsabbiltà tal-konsumatur tkun strettament limitata għal dak l-oġġett mirhun. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw din id-Direttiva wkoll għal kreditu konness, li ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' ftehim ta' kreditu konness f'din id-Direttiva. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-ftehimiet ta' kreditu konnessi jistgħu jiġu applikati għal ftehimiet ta' kreditu li jservu biss parzjalment biex jiffinanzjaw kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizz.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Għadd ta' Stati Membri applikaw id-Direttiva 2008/48/KE għal oqsma mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha sabiex itejbu l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur. Fil-fatt, diversi ftehimiet ta' kreditu li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jistgħu jkunu ta' detriment għall-konsumaturi, inkluż self ta' terminu qasir bi prezz għoli li l-ammont tiegħu jkun tipikament aktar baxx mil-limitu minimu ta' EUR 200 stabbilit mid-Direttiva 2008/48/KE. F'dan il-kuntest, u bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u biex jiġi ffaċilitat is-suq tal-kreditu għall-konsumatur transfruntier, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkopri xi ftehimiet li kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE, bħall-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur taħt l-ammont ta' EUR 200. ***Bl-istess mod***, prodotti oħra li jistgħu jkunu ta' detriment, minħabba l-kostijiet għoljin li jinvolvu jew tariffi għoljin f'każ ta' ħlasijiet maqbuża, jenħtieġ li jkunu koperti minn din id-Direttiva, biex tiġi żgurata trasparenza akbar u protezzjoni aħjar tal-konsumatur, li jirriżultaw f'kunfidenza akbar tal-konsumatur. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-ftehimiet ***ta' lokazzjoni, il-ftehimiet*** ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ta' overdraft u fejn il-kreditu għandu jitħallas lura fi żmien xahar, u l-ftehimiet ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata mingħajr imgħax u mingħajr ebda imposta oħra, inklużi skemi ta' Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard, jiġifieri għodod finanzjarji diġitali ġodda li jħallu lill-konsumaturi jixtru ogggetti jew servizzi u jħallsuhom maż-żmien, u l-ftehimiet ta' kreditu li skont

Emenda

(15) Għadd ta' Stati Membri applikaw id-Direttiva 2008/48/KE għal oqsma mhux koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha sabiex itejbu l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur. Fil-fatt, diversi ftehimiet ta' kreditu li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jistgħu jkunu ta' detriment għall-konsumaturi, inkluż self ta' terminu qasir bi prezz għoli li l-ammont tiegħu jkun tipikament aktar baxx mil-limitu minimu ta' EUR 200 stabbilit mid-Direttiva 2008/48/KE. F'dan il-kuntest, u bil-għan li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u biex jiġi ffaċilitat is-suq tal-kreditu għall-konsumatur transfruntier, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkopri xi ftehimiet li kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48/KE, bħall-ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur taħt l-ammont ta' EUR 200. ***Madankollu, biex tinżamm ir- "raison d'être" ta' dawn il-kreditu għal żmien qasir/ammont żgħir, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni trid tkun akkumpanjata minn rekwiżiti proporzjonati. Minkejja dan***, prodotti oħra li jistgħu jkunu ta' detriment, minħabba l-kostijiet għoljin li jinvolvu jew tariffi għoljin f'każ ta' ħlasijiet maqbuża, jenħtieġ li jkunu koperti minn din id-Direttiva, biex tiġi żgurata trasparenza akbar u protezzjoni aħjar tal-konsumatur, li jirriżultaw f'kunfidenza akbar tal-konsumatur. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-ftehimiet ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ta' overdraft u fejn il-kreditu għandu jitħallas lura fi żmien xahar, u l-ftehimiet ta' kreditu fejn il-kreditu jingħata mingħajr imgħax u mingħajr ebda imposta oħra, inklużi skemi

it-termini tagħhom il-kreditu għandu jitħallas lura fi żmien tliet xhur u jitħallsu biss imposti insinifikanti ma jiġux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, jenħtieġ li kull ftehim ta' kreditu sa EUR 100 000 jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-limitu massimu tal-ftehimiet ta' kreditu skont din id-Direttiva jiżdied biex jitqies l-indiċjar biex isir aġġustament għall-effetti tal-inflazzjoni mill-2008 u fis-snin li ġejjin.

ta' Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard, jiġifieri għodod finanzjarji diġitali ġodda li jħallu lill-konsumaturi jixtru oġġetti jew servizzi u jhallsuom maż-żmien, u l-ftehimiet ta' kreditu li skont it-termini tagħhom il-kreditu għandu jitħallas lura fi żmien tliet xhur u jitħallsu biss imposti insinifikanti ma jiġux esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jeskludu l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għal prodotti ta' kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 2. Tali esklużjonijiet fil-liġi nazzjonali jenħtieġ li jiġu approvati mill-Kummissjoni, filwaqt li l-ispjegazzjonijiet tal-Istat Membru għal tali esklużjonijiet jenħtieġ li jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li kull ftehim ta' kreditu sa EUR 100 000 jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-limitu massimu tal-ftehimiet ta' kreditu skont din id-Direttiva jiżdied biex jitqies l-indiċjar biex isir aġġustament għall-effetti tal-inflazzjoni mill-2008 u fis-snin li ġejjin.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li l-informazzjoni lill-konsumaturi, bħal informazzjoni prekuntrattwali jew informazzjoni ġenerali, tingħata mingħajr ħlas.

Emenda

(24) Jenħtieġ li l-informazzjoni lill-konsumaturi ***fl-ambitu ta' din id-Direttiva***, bħal informazzjoni prekuntrattwali jew informazzjoni ġenerali, tingħata mingħajr ħlas. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jillimitaw kwalunkwe kost għall-għoti ta' informazzjoni addizzjonali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva pprovdata fuq talba tal-konsumatur.***

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Jenħtieġ li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni ma jiġux iddiskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post tar-residenza tagħhom, jew għal xi raġuni oħra msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta meta jitolbu, jikkonkludu jew ikollhom ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Unjoni.

Emenda

(26) Jenħtieġ li l-konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni ma jiġux iddiskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post tar-residenza tagħhom, jew għal xi raġuni oħra msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta meta jitolbu, jikkonkludu jew ikollhom ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Unjoni. ***Tali dispożizzjonijiet jiġu applikati mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kredituri li ma jinvolvux ruħhom f'ċerti attivitajiet f'ċerti Stati Membri.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, jenħtieġ li dawn jirċievu informazzjoni adegwata, għall-kunsiderazzjoni bir-reqqa fil-kumdità u l-konvenjenza tagħhom, ***mill-inqas jum*** qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, inkluża informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-kost tal-kreditu u dwar l-obbligi tagħhom, kif ukoll spjegazzjonijiet adegwati tagħhom. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE²⁹.

Emenda

(30) Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, jenħtieġ li dawn jirċievu informazzjoni adegwata, għall-kunsiderazzjoni bir-reqqa fil-kumdità u l-konvenjenza tagħhom, ***fi żmien dovut iżda mhux aktar tard minn tliet sghat*** qabel il-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, inkluża informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-kost tal-kreditu u dwar l-obbligi tagħhom, kif ukoll spjegazzjonijiet adegwati tagħhom. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE²⁹.

²⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

²⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29).

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) L-informazzjoni prekontrattwali jenħtieġ li tiġi pprovduta permezz tal-formola tal-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu u jqabblu l-offerti, jenħtieġ li tiġi pprovduta formola ***tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur*** li tiġbor fil-qosor l-element ewlieni tal-kreditu ***flimkien mal-formola*** tal-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, li permezz tagħha l-konsumaturi jenħtieġ li jaraw l-informazzjoni essenzjali kollha mad-daqqa t'għajn anki fuq l-iskrin ta' mobile. Jenħtieġ li l-informazzjoni tkun ċara, tinqara faċilment u adattata għar-restrizzjonijiet tekniċi ta' ċerti mezzi bħal skrins tal-mobiles. Din jenħtieġ li tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti, biex jiġi żgurat li kull konsumatur ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni fuq bażi ugwali u f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰.

³⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 32

Emenda

(31) L-informazzjoni prekontrattwali jenħtieġ li tiġi pprovduta permezz tal-formola tal-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu u jqabblu l-offerti, jenħtieġ li tiġi pprovduta formola ***ta' paġna waħda*** li tiġbor fil-qosor l-element ewlieni tal-kreditu ***bħala l-paġna ta' quddiem tal-formola*** tal-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur, li permezz tagħha l-konsumaturi jenħtieġ li jaraw l-informazzjoni essenzjali kollha mad-daqqa t'għajn anki fuq l-iskrin ta' mobile. ***Dawk l-elementi jenħtieġ li jiġu ppreżentati, jekk possibbli, f'forma grafika.*** Jenħtieġ li l-informazzjoni tkun ċara, tinqara faċilment u adattata għar-restrizzjonijiet tekniċi ta' ċerti mezzi bħal skrins tal-mobiles. Din jenħtieġ li tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti, biex jiġi żgurat li kull konsumatur ikun jista' jaċċessa l-informazzjoni fuq bażi ugwali u f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰.

³⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

(32) Biex jiġi żgurat li l-offerti jkunu trasparenti u komparabbli kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali tinkludi, b'mod partikolari, ir-rata perċentwali annwali ta' imposta applikabbli għall-kreditu, stabbilita bl-istess mod fl-Unjoni kollha. Billi f'dan l-istadju r-rata perċentwali annwali ta' imposta tista' tiġi indikata biss b'eżempju, tali eżempju jenħtieġ li jkun rappreżentattiv. Għalhekk, dan jenħtieġ li jikkorrispondi, pereżempju, għall-medja tat-tul ta' żmien u l-ammont totali ta' kreditu mogħti għat-tip ta' ftehim ta' kreditu jew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv taħt konsiderazzjoni u, jekk applikabbli, għall-oġġetti mixtrija. Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-eżempju rappreżentattiv, jenħtieġ li l-frekwenza ta' ċerti tipi ta' ftehim ta' kreditu jew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'suq partikolari tiġi kkunsidrata wkoll. Fir-rigward tar-rata tas-self, il-frekwenza tal-pagamenti rateali u l-kapitalizzazzjoni tal-imgħax, jenħtieġ li l-kredituri jużaw il-metodu ta' kalkolu tas-soltu tagħhom għall-kreditu għall-konsumatur ikkonċernat. ***F'każ li l-informazzjoni prekuntrattwali tingħata anqas minn jum qabel ma l-konsumatur ikun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv***, jenħtieġ li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ifakkru lill-konsumaturi, jum wara l-konklużjoni tal-kuntratt, bil-possibbiltà li jirtiraw mill-ftehim ta' kreditu.

(32) Biex jiġi żgurat li l-offerti jkunu trasparenti u komparabbli kemm jista' jkun, jenħtieġ li l-informazzjoni prekuntrattwali tinkludi, b'mod partikolari, ir-rata perċentwali annwali ta' imposta applikabbli għall-kreditu, stabbilita bl-istess mod fl-Unjoni kollha. Billi f'dan l-istadju r-rata perċentwali annwali ta' imposta tista' tiġi indikata biss b'eżempju, tali eżempju jenħtieġ li jkun rappreżentattiv. Għalhekk, dan jenħtieġ li jikkorrispondi, pereżempju, għall-medja tat-tul ta' żmien u l-ammont totali ta' kreditu mogħti għat-tip ta' ftehim ta' kreditu jew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv taħt konsiderazzjoni u, jekk applikabbli, għall-oġġetti mixtrija. Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-eżempju rappreżentattiv, jenħtieġ li l-frekwenza ta' ċerti tipi ta' ftehim ta' kreditu jew ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'suq partikolari tiġi kkunsidrata wkoll. Fir-rigward tar-rata tas-self, il-frekwenza tal-pagamenti rateali u l-kapitalizzazzjoni tal-imgħax, jenħtieġ li l-kredituri jużaw il-metodu ta' kalkolu tas-soltu tagħhom għall-kreditu għall-konsumatur ikkonċernat. Jenħtieġ li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ifakkru lill-konsumaturi, jum wara l-konklużjoni tal-kuntratt, bil-possibbiltà li jirtiraw mill-ftehim ta' kreditu.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirregolaw il-karattru **potenzjalment** vinkolanti tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv ikun marbut bih.

Emenda 11

**Proposta għal direttiva
Premessa 39**

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Minkejja l-informazzjoni prekuntrattwali li għandha tingħata, il-konsumatur xorta waħda jista' jeħtieġ għajnuna addizzjonali biex jiddeċiedi liema ftehim ta' kreditu jew servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, mill-firxa ta' prodotti proposti, ikun l-aktar adattat għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kredituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jipprovdu din l-assistenza b'rabta mal-prodotti ta' kreditu li joffru lill-konsumatur, billi jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati dwar l-informazzjoni rilevanti, inklużi b'mod partikolari l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti lill-konsumatur b'mod personalizzat sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem l-effetti li dawn **jistgħu** jkollhom fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu. Il-kredituri u, meta applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jadattaw il-mod li bih jingħataw dawn l-ispegazzjonijiet għaċ-

Emenda

(38) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jirregolaw il-karattru vinkolanti **jew mhux vinkolanti** tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-konsumatur qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u l-perjodu ta' żmien li matulu l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv ikun marbut bih.

Emenda

(39) Minkejja l-informazzjoni prekuntrattwali li għandha tingħata, il-konsumatur xorta waħda jista' jeħtieġ għajnuna addizzjonali biex jiddeċiedi liema ftehim ta' kreditu jew servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, mill-firxa ta' prodotti proposti, ikun l-aktar adattat għall-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kredituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jipprovdu din l-assistenza b'rabta mal-prodotti ta' kreditu li joffru lill-konsumatur, billi jipprovdu spjegazzjonijiet adegwati dwar l-informazzjoni rilevanti **b'mod li jinftiehem faċilment qabel l-iffirmar tal-kuntratt**, inklużi b'mod partikolari l-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti proposti lill-konsumatur b'mod personalizzat, **jekk possibbli**, sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem l-effetti li dawn **jista'** jkollhom fuq is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu. Il-kredituri u, meta applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament

ċirkostanzi li fihom jiġi offrut il-kreditu u l-bżonn tal-konsumatur għal assistenza, filwaqt li jitqiesu l-għarfien u l-esperjenza tal-konsumatur dwar il-kreditu u n-natura tal-prodotti ta' kreditu individwali. Jenħtieġ li dawn l-ispjegazzjonijiet fihom infushom ma jikkostitwixxux rakkomandazzjoni personali.

kollettiv jenħtieġ li jadattaw il-mod li bih jingħataw dawn l-ispjegazzjonijiet għaċ-ċirkostanzi li fihom jiġi offrut il-kreditu u l-bżonn tal-konsumatur għal assistenza, filwaqt li jitqiesu l-għarfien u l-esperjenza tal-konsumatur dwar il-kreditu u n-natura tal-prodotti ta' kreditu individwali. Jenħtieġ li dawn l-ispjegazzjonijiet fihom infushom ma jikkostitwixxux rakkomandazzjoni personali.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Kif enfasizzat fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)³¹, is-sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) jistgħu jintużaw faċilment f'diversi setturi tal-ekonomija u tas-soċjetà, inkluż daww transfruntiera, u jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jitħallew jippersonalizzaw il-prezz tal-offerti tagħhom għal konsumaturi speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' konsumaturi abbażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet awtomatizzati u t-tfassil ta' profili tal-imġiba tal-konsumatur li jippermettulhom jivvalutaw il-kapaċità tal-akkwist tal-konsumatur. **Għalhekk**, il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu infurmati b'mod ċar meta l-prezz ippreżentat lilhom ikun personalizzat abbażi ta' pproċessar awtomatizzat, sabiex ikunu jistgħu jqisu r-riskji potenzjali fid-deċiżjoni ta' akkwist tagħhom.

Emenda

(40) Kif enfasizzat fil-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)³¹, is-sistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) jistgħu jintużaw faċilment f'diversi setturi tal-ekonomija u tas-soċjetà, inkluż daww transfruntiera, u jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jitħallew jippersonalizzaw il-prezz tal-offerti tagħhom għal konsumaturi speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' konsumaturi abbażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet awtomatizzati u t-tfassil ta' profili tal-imġiba tal-konsumatur li jippermettulhom jivvalutaw il-kapaċità tal-akkwist tal-konsumatur. Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu infurmati b'mod ċar meta l-prezz ippreżentat lilhom ikun personalizzat abbażi ta' pproċessar awtomatizzat **f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679**, sabiex ikunu jistgħu jqisu r-riskji potenzjali fid-deċiżjoni ta' akkwist tagħhom.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Bħala regola ġenerali, il-bejgħ abbinat jenħtieġ li ma jkunx permess sakemm is-servizz jew prodott finanzjarju offrut flimkien mal-ftehim ta' kreditu jew mas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkunx jista' jiġi offrut separatament peress li jkun jagħmel parti integrata bis-sħiħ tal-kreditu, pereżempju fil-każ ta' faċilità ta' overdraft. Filwaqt li, jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kredituri jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikunu jistgħu jirrikjedu li l-konsumatur ikollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti sabiex jiggarantixxi l-ħlas lura tal-kreditu jew jassigura l-valur tal-garanzija, il-konsumatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħżel il-fornitur tal-assigurazzjoni tiegħu stess. Dan jenħtieġ li ma jippreġudikax il-kundizzjonijiet ta' kreditu stabbiliti mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, dment li l-polza tal-assigurazzjoni ta' dak il-fornitur ikollha livell ekwivalenti ta' garanzija bħall-polza tal-assigurazzjoni proposta jew offruta mill-kreditur jew mill-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistandardizzaw, kompletament jew parzjalment, il-kopertura provduta mill-kuntratti tal-assigurazzjoni sabiex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn offerti differenti għall-konsumaturi li jkunu jixtiequ jagħmlu dan it-tqabbil.

Emenda

(41) Bħala regola ġenerali, il-bejgħ abbinat jenħtieġ li ma jkunx permess sakemm is-servizz jew prodott finanzjarju offrut flimkien mal-ftehim ta' kreditu jew mas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkunx jista' jiġi offrut separatament peress li jkun jagħmel parti integrata bis-sħiħ tal-kreditu, pereżempju fil-każ ta' faċilità ta' overdraft. Filwaqt li, jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kredituri jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikunu jistgħu jirrikjedu li l-konsumatur ikollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti sabiex jiggarantixxi l-ħlas lura tal-kreditu jew jassigura l-valur tal-garanzija, il-konsumatur jenħtieġ li jkollu l-opportunità li jagħżel il-fornitur tal-assigurazzjoni tiegħu stess. Dan jenħtieġ li ma jippreġudikax il-kundizzjonijiet ta' kreditu stabbiliti mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, dment li l-polza tal-assigurazzjoni ta' dak il-fornitur ikollha livell ekwivalenti ta' garanzija bħall-polza tal-assigurazzjoni proposta jew offruta mill-kreditur jew mill-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistandardizzaw, kompletament jew parzjalment, il-kopertura provduta mill-kuntratti tal-assigurazzjoni sabiex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn offerti differenti għall-konsumaturi li jkunu jixtiequ jagħmlu dan it-tqabbil. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jirrikjedu li jekk il-konsumatur ikun jeħtieġ żmien addizzjonali biex iqabbel l-offerti tal-poloż tal-assigurazzjoni qabel ma jixtri waħda,***

dak il-konsumatur jenħtieġ li jingħata mill-inqas tlitt ijiem biex iqabbilhom, mingħajr ma tinbidel l-offerta.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) L-għoti ta' pariri fil-forma ta' rakkomandazzjoni personalizzata ("servizzi ta' konsulenza") huwa attivita' li tista' tkun abbinata ma' aspetti oħra tal-għoti jew l-intermedjazzjoni tal-kreditu. Għaldaqstant, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jifhmu n-natura tas-servizzi pprovduti lilhom, il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu mgħarrfa dwar x'jikkostitwixxi tali servizzi ta' konsulenza u dwar jekk ikunux qed jiġu pprovduti, jew jistgħux jiġu pprovduti jew le. Minħabba l-importanza li l-konsumaturi jagħtu lill-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulenti", jenħtieġ li l-Istati Membri **jitħallew** jipprojbixxu l-użu ta' dawk it-termini, jew ta' termini simili, meta jkunu qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza lill-konsumaturi mill-kredituri, mill-intermedjarji tal-kreditu jew mill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Istati Membri jimponu salvagwardji meta l-konsulenza tiġi deskritta bħala indipendenti sabiex jiġi żgurat li l-firxa ta' prodotti kkunsidrati u l-arranġamenti dwar ir-remunerazzjoni jkunu proporzjonati mal-aspettattivi tal-konsumaturi ta' tali konsulenza. Meta jipprovduti servizzi ta' konsulenza, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħti indikazzjoni ta' jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex se tkun ibbażata biss fuq il-firxa ta' prodotti tiegħu stess jew fuq firxa wiesgħa ta' prodotti mis-suq kollu, sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem il-bażi li fuqha ssir ir-

Emenda

(43) L-għoti ta' pariri fil-forma ta' rakkomandazzjoni personalizzata ("servizzi ta' konsulenza") huwa attivita' li tista' tkun abbinata ma' aspetti oħra tal-għoti jew l-intermedjazzjoni tal-kreditu. Għaldaqstant, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jifhmu n-natura tas-servizzi pprovduti lilhom, il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu mgħarrfa dwar x'jikkostitwixxi tali servizzi ta' konsulenza u dwar jekk ikunux qed jiġu pprovduti, jew jistgħux jiġu pprovduti jew le. Minħabba l-importanza li l-konsumaturi jagħtu lill-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulenti", jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu l-użu ta' dawk it-termini, jew ta' termini simili, meta jkunu qed jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza lill-konsumaturi mill-kredituri, mill-intermedjarji tal-kreditu jew mill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Huwa xieraq li jiġi żgurat li l-Istati Membri jimponu salvagwardji meta l-konsulenza tiġi deskritta bħala indipendenti sabiex jiġi żgurat li l-firxa ta' prodotti kkunsidrati u l-arranġamenti dwar ir-remunerazzjoni jkunu proporzjonati mal-aspettattivi tal-konsumaturi ta' tali konsulenza. Meta jipprovduti servizzi ta' konsulenza, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħti indikazzjoni ta' jekk ir-rakkomandazzjoni hijiex se tkun ibbażata biss fuq il-firxa ta' prodotti tiegħu stess jew fuq firxa wiesgħa ta' prodotti mis-suq kollu, sabiex il-konsumatur ikun jista' jifhem il-bażi li fuqha ssir ir-rakkomandazzjoni. Barra

rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħti indikazzjoni tat-tariffa pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi ta' konsulenza jew tal-metodu użat għall-kalkolu tagħha, meta l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat fil-mument tal-iżvelar.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Il-bejgħ ta' kreditu li ma jkunx intalab mill-konsumaturi jista' f'xi każijiet ikun assoċjat ma' Prattiki li huma ta' ħsara għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-bejgħ mhux mitlub ta' kreditu, inklużi karti ta' kreditu approvati minn qabel mhux mitluba mibgħuta lill-konsumaturi, jew iż-żieda unilaterali tal-limitu tal-overdraft jew tal-karti ta' kreditu, jenħtieġ li jkunu pprojbiti.

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu Prattiki responsabbli matul il-fażijiet kollha tar-relazzjoni ta' kreditu filwaqt li jitqiesu l-

minn hekk, il-kreditur, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jagħti indikazzjoni tat-tariffa pagabbli mill-konsumatur għas-servizzi ta' konsulenza jew tal-metodu użat għall-kalkolu tagħha, meta l-ammont ma jkunx jista' jiġi aċċertat fil-mument tal-iżvelar.

Emenda

(44) Il-bejgħ ta' kreditu li ma jkunx intalab mill-konsumaturi jista' f'xi każijiet ikun assoċjat ma' Prattiki li huma ta' ħsara għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-bejgħ mhux mitlub ta' kreditu, inklużi karti ta' kreditu approvati minn qabel mhux mitluba mibgħuta lill-konsumaturi, jew iż-żieda unilaterali tal-limitu tal-overdraft jew tal-karti ta' kreditu, jenħtieġ li jkunu pprojbiti. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprojbixxu l-offerta ta' prodotti ta' kreditu personalizzati mingħajr ma l-konsumatur ikun esprima din ix-xewqa minn qabel. Madankollu, tali d-dispożizzjoni ma għandhiex l-intenzjoni li ttipprojbixxi attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni ġenerali.***

karatteristiċi speċifiċi tas-suq ta' kreditu tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi, kif ukoll edukazzjoni dwar is-suġġett li tinkludi twissijiet rigward ir-riskji f'każ ta' nuqqas ta' ħlas jew ta' dejn eċċessiv. Fis-suq tal-kreditu li qed jespandi, b'mod partikolari, huwa importanti li l-kredituri jenħtieġ li ma jkunux involuti f'għoti ta' self irresponsabbli jew jagħtu kreditu mingħajr valutazzjoni minn qabel tal-affidabbiltà kreditizja. L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu s-superviżjoni meħtieġa biex jevitaw imġiba bħal din tal-kredituri u jenħtieġ li jiddeterminaw il-mezzi meħtieġa biex jissanzjonaw tali mġiba. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-riskju ta' kreditu tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³², il-kredituri jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jgħorru r-responsabbiltà li jivverifikaw individwalment l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. Għal dan il-għan jenħtieġ li l-kredituri jew il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jitħallew jużaw informazzjoni mogħtija mill-konsumatur mhux biss matul it-tnejn tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv inkwistjoni, iżda anki matul relazzjoni kummerċjali fuq perjodu ta' żmien twil. Il-konsumaturi jenħtieġ li jaġixxu wkoll bi prudenza u jirrispettaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom.

³² Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013,

karatteristiċi speċifiċi tas-suq ta' kreditu tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi, kif ukoll edukazzjoni dwar is-suġġett li tinkludi twissijiet rigward ir-riskji f'każ ta' nuqqas ta' ħlas jew ta' dejn eċċessiv. Fis-suq tal-kreditu li qed jespandi, b'mod partikolari, huwa importanti li l-kredituri jenħtieġ li ma jkunux involuti f'għoti ta' self irresponsabbli jew jagħtu kreditu mingħajr valutazzjoni minn qabel tal-affidabbiltà kreditizja. L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu s-superviżjoni meħtieġa biex jevitaw imġiba bħal din tal-kredituri u jenħtieġ li jiddeterminaw il-mezzi meħtieġa biex jissanzjonaw tali mġiba. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar ir-riskju ta' kreditu tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³², il-kredituri jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jgħorru r-responsabbiltà li jivverifikaw individwalment **u proporzjonalment** l-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. Għal dan il-għan jenħtieġ li l-kredituri jew il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jitħallew jużaw informazzjoni mogħtija mill-konsumatur mhux biss matul it-tnejn tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv inkwistjoni, iżda anki matul relazzjoni kummerċjali fuq perjodu ta' żmien twil. Il-konsumaturi jenħtieġ li jaġixxu wkoll bi prudenza u jirrispettaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom.

³² Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013,

p. 338).

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Huwa essenzjali li jiġu valutati u verifikati l-kapaċità u l-propensità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu qabel ma jiġi konkluż ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Dik il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li ssir fl-interess tal-konsumatur, biex jiġu evitati Prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv, u jenħtieġ li tqis il-fatturi kollha meħtieġa u rilevanti li jistgħu jinfluwenzaw il-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu gwida addizzjonali dwar kriterji u metodi addizzjonali għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur, pereżempju billi jistabbilixxu limiti fuq il-proporzjonijiet bejn is-self u l-valur jew bejn is-self u l-introjt.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li tkun ibbażata fuq informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika, inklużi ***d-dħul*** u l-ispejjeż, tal-konsumatur. Il-linji gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġini u l-monitoraġġ ta' self (EBA/GL/2020/06) jipprovdu linji gwida dwar liema kategoriji ta' data jistgħu

p. 338).

Emenda

(46) Huwa essenzjali li jiġu valutati u verifikati l-kapaċità u l-propensità tal-konsumatur li jħallas lura l-kreditu qabel ma jiġi konkluż ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Dik il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li ssir fl-interess tal-konsumatur, biex jiġu evitati Prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv, u jenħtieġ li tqis il-fatturi kollha meħtieġa u rilevanti li jistgħu jinfluwenzaw il-kapaċità tal-konsumatur li jħallas lura ***u jaffordja*** l-kreditu. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu joħorġu gwida addizzjonali dwar kriterji u metodi addizzjonali għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ta' konsumatur, pereżempju billi jistabbilixxu limiti fuq il-proporzjonijiet bejn is-self u l-valur jew bejn is-self u l-introjt.

Emenda

(47) Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li tkun ibbażata fuq informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika, inklużi ***l-introjt*** u l-ispejjeż, tal-konsumatur. Il-linji gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-oriġini u l-monitoraġġ ta' self (EBA/GL/2020/06) jipprovdu linji gwida dwar liema kategoriji ta' data jistgħu

jintużaw għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-affidabbiltà kreditizja, li jinkludu evidenza tal-introjtu jew ta' sorsi oħra ta' ħlas lura, informazzjoni dwar assi u obligazzjonijiet finanzjarji, jew informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra. Jenħtieġ li d-data personali, bħal data personali li tinsab fuq pjattaformi tal-midja soċjali jew data dwar is-saħħa, inkluża data dwar il-kanċer, ma tintużax meta titwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Il-konsumaturi jenħtieġ li jagħtu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Fil-prinċipju, il-kreditu jenħtieġ li jsir disponibbli biss għall-konsumatur meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li jiġu ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim. Madankollu, jekk tali valutazzjoni tkun negattiva, **il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' eċċezzjonalment jagħmel il-kreditu disponibbli f'ċirkostanzi speċifiċi u ġustifikati, bħal meta jkollu relazzjoni fit-tul mal-konsumatur, jew fil-każ ta' self għall-finanzjament ta' spejjeż eċċezzjonali tal-kura tas-saħħa, self għall-istudenti jew self għall-konsumaturi b'diżabilità. F'tali każ, meta jkun qed jiġi deċiż jekk il-kreditu għandux isir disponibbli għall-konsumatur jew le, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jenħtieġ li jqis l-ammont u l-għan tal-kreditu, u l-probabbiltà li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim jiġu ssodisfati.**

jintużaw għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tal-affidabbiltà kreditizja, li jinkludu evidenza tal-introjtu jew ta' sorsi oħra ta' ħlas lura, informazzjoni dwar assi u obligazzjonijiet finanzjarji, jew informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra. **Fl-istess ħin, l-estensjoni tal-kontroll jenħtieġ li tkun proporzjonata għall-ammont tal-kreditu mogħti u, għaldaqstant, il-proporzjonalità jenħtieġ li tiġi ddefinita mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).** Jenħtieġ li d-data personali, bħal data personali li tinsab fuq pjattaformi tal-midja soċjali jew data dwar is-saħħa, inkluża data dwar il-kanċer, ma tintużax meta titwettaq valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Il-konsumaturi jenħtieġ li jagħtu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja. Fil-prinċipju, il-kreditu jenħtieġ li jsir disponibbli biss għall-konsumatur meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li jiġu ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim. Madankollu, jekk tali valutazzjoni tkun negattiva, f'ċirkostanzi **eċċezzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jkun jistgħu jipprovdu għażla fil-liġi nazzjonali li kreditu żgħir - kif iddefinit minn Stat Membru - jista' jingħata** għall-finanzjament ta' spejjeż eċċezzjonali tal-kura tas-saħħa, self għall-istudenti jew self għall-konsumaturi b'diżabilità. **Id-deċiżjoni tal-kreditur u l-ġustifikazzjoni tiegħu għall-għoti ta' tali kreditu jenħtieġ li jiġu ddokumentati kif xieraq. Jenħtieġ li tinħareġ ukoll twissija għall-konsumatur. L-Istati Membri jenħtieġ li ma jkunux obligati jipprovdu din l-għażla. Madankollu, valutazzjoni pożittiva tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li ma tikkostitwixxix obbligu għall-kreditur li jipprovdi l-kreditu.**

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), tistabbilixxi li sistemi tal-IA użati għall-evalwazzjoni tal-kreditu jew l-affidabbiltà kreditizja ta' persuni fiżiċi jenħtieġ li jiġu kklassifikati bħala sistemi tal-IA ta' riskju għoli, peress li jiddeterminaw l-aċċess ta' dawk il-persuni għar-riżorsi finanzjarji jew għas-servizzi essenzjali bħas-servizzi tal-akkomodazzjoni, tal-elettriku u tat-telekomunikazzjoni. Fid-dawl ta' dawk l-interessi kbar, kull meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tinvolvi pproċessar awtomatizzat, il-konsumatur jenħtieġ li jkollu d-dritt li jikseb intervent uman min-naħa tal-kreditur jew tal-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Il-konsumatur jenħtieġ li jkollu wkoll id-dritt li jikseb spjegazzjoni sinifikanti tal-valutazzjoni magħmula u tal-funzjonament tal-ipproċessar awtomatizzat użat, inkluż fost l-oħrajn ***il-varjabbli ewlenin, il-loġika u r-riskji involuti*** kif ukoll dritt li jesprimi l-fehma tiegħu u li jikkontesta ***l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u id-deċiżjoni***.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Sabiex jivvaluta l-istatus ta' kreditu ta' konsumatur, jenħtieġ li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jikkonsulta wkoll bażijiet tad-data dwar il-kreditu. Iċ-

Emenda

(48) Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali), tistabbilixxi li sistemi tal-IA użati għall-evalwazzjoni tal-kreditu jew l-affidabbiltà kreditizja ta' persuni fiżiċi jenħtieġ li jiġu kklassifikati bħala sistemi tal-IA ta' riskju għoli, peress li jiddeterminaw l-aċċess ta' dawk il-persuni għar-riżorsi finanzjarji jew għas-servizzi essenzjali bħas-servizzi tal-akkomodazzjoni, tal-elettriku u tat-telekomunikazzjoni. Fid-dawl ta' dawk l-interessi kbar, kull meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tinvolvi pproċessar awtomatizzat, il-konsumatur jenħtieġ li jkollu d-dritt li jikseb intervent uman min-naħa tal-kreditur jew tal-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Il-konsumatur jenħtieġ li jkollu wkoll id-dritt li jikseb spjegazzjoni sinifikanti tal-valutazzjoni magħmula u tal-funzjonament tal-ipproċessar awtomatizzat użat, inkluż fost l-oħrajn ***ir-riskji involuti*** kif ukoll dritt li jesprimi l-fehma tiegħu u li jikkontesta ***d-deċiżjoni***.

Emenda

(49) Sabiex jivvaluta l-istatus ta' kreditu ta' konsumatur, jenħtieġ li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jikkonsulta wkoll bażijiet tad-data dwar il-kreditu. Iċ-

ċirkostanzi legali u attwali jistgħu jirrikjedu li tali konsultazzjonijiet ivarjaw fl-ambitu tagħhom. Biex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni fost il-kredituri jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jenħtieġ li dawn ikollhom aċċess għal bażijiet tad-data privati jew pubbliċi dwar il-kreditu li jikkonċernaw il-konsumaturi fi Stat Membru fejn ma jkunux stabbiliti b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji meta mqabbla ma' kredituri jew fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess transfruntier għal bażijiet tad-data privati jew pubbliċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³. Sabiex tissaħħaħ ir-reċiproċità, jenħtieġ li l-bażijiet tad-data dwar il-kreditu jżommu bħala minimu informazzjoni dwar *pagamenti arretrati* tal-konsumaturi, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali.

³³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 49a (ġdida)

ċirkostanzi legali u attwali jistgħu jirrikjedu li tali konsultazzjonijiet ivarjaw fl-ambitu tagħhom. Biex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni fost il-kredituri jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jenħtieġ li dawn ikollhom aċċess għal bażijiet tad-data privati jew pubbliċi dwar il-kreditu li jikkonċernaw il-konsumaturi fi Stat Membru fejn ma jkunux stabbiliti b'kundizzjonijiet nondiskriminatorji meta mqabbla ma' kredituri jew fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess transfruntier għal bażijiet tad-data privati jew pubbliċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³. Sabiex tissaħħaħ ir-reċiproċità, jenħtieġ li l-bażijiet tad-data dwar il-kreditu jżommu bħala minimu informazzjoni dwar *l-imġiba tal-ħlas lura* tal-konsumaturi *b'rabta mal-ftehimiet finanzjarji eżistenti tagħhom, inklużi l-arretrati, fejn dan ikun permess fl-ambitu tal-oqfsa legali nazzjonali u tar-Regolament (UE) 2016/679*, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali. *Id-data li tintuża għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-Linji Gwida tal-EBA.*

³³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(49a) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jżguraw li mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva, għadd kbir ta' kredituri joffru bħala parti mill-portafolli tagħhom prodotti ta' kreditu għall-konsumatur ambjentalment sostenibbli.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 51

(51) Din id-Direttiva ma tirregolax kwistjonijiet tad-dritt kuntrattwali marbutin mal-validità ta' ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Għalhekk, f'dak il-qasam, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jirregolaw ir-reġim legali li jirregola l-offerta għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, b'mod partikolari meta din għandha tingħata u l-perjodu li matulu tkun torbot lill-kreditur jew lill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Jekk tali offerta ssir fl-istess ħin tal-informazzjoni prekuntrattwali prevista minn din id-Direttiva, din jenħtieġ li tingħata, bħal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun jixtieq jagħti lill-konsumatur, f'dokument separat. Dak id-dokument separat jista' jiġi anness mal-Infommazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-

(51) Din id-Direttiva ma tirregolax kwistjonijiet tad-dritt kuntrattwali marbutin mal-validità ta' ftehimiet ta' kreditu jew ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Għalhekk, f'dak il-qasam, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-Istati Membri **jenħtieġ li jirrikjedu li l-konsumaturi jirċievu offerti vinkolanti jew mhux vinkolanti u** jistgħu jirregolaw ir-reġim legali li jirregola l-offerta għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, b'mod partikolari meta din għandha tingħata u l-perjodu li matulu tkun torbot lill-kreditur jew lill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv. Jekk tali offerta ssir fl-istess ħin tal-informazzjoni prekuntrattwali prevista minn din id-Direttiva, din jenħtieġ li tingħata, bħal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun jixtieq jagħti lill-konsumatur, f'dokument separat. Dak id-dokument separat jista' jiġi anness mal-Infommazzjoni Standard

Konsumatur.

Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni

(54) Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa ***l-konsumatur*** jenħtieġ li jingħata l-informazzjoni dwar ir-rata tas-self, kemm fi stadju prekontrattwali kif ukoll meta ***il-ftehim*** ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jiġi konkluż. Matul ir-relazzjoni kuntrattwali, il-konsumatur jenħtieġ li jiġi infurmat ukoll bil-bidliet fir-rata tas-self varjabbli u bil-bidliet fil-ħlasijiet konsegwenti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li ma jkunx relatat mal-informazzjoni lill-konsumatur li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-bidliet, jew jippreskrivu l-konsegwenzi tagħhom, minbarra l-bidliet dwar ħlasijiet, fir-rati tas-self u f'kundizzjonijiet ekonomiċi oħra li jirregolaw il-kreditu, pereżempju regoli li jipprovdu li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' jbidel ir-rata tas-self biss meta jkun hemm raġuni valida għal tali bidla jew li l-konsumatur jista' jittermina l-kuntratt fil-każ tal-bidla fir-rata tas-self jew f'kundizzjoni ekonomika speċifika oħra li tikkonċerna l-kreditu.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Premessa 55

Emenda

(54) Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa, ***il-konsumatur*** jenħtieġ li jingħata l-informazzjoni dwar ir-rata tas-self, kemm fi stadju prekontrattwali kif ukoll meta ***il-ftehim*** ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jiġi konkluż. Matul ir-relazzjoni kuntrattwali, il-konsumatur jenħtieġ li jiġi infurmat ukoll bil-bidliet fir-rata tas-self varjabbli u bil-bidliet fil-ħlasijiet konsegwenti ***mill-inqas jumejn qabel***. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li ma jkunx relatat mal-informazzjoni lill-konsumatur li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-bidliet, jew jippreskrivu l-konsegwenzi tagħhom, minbarra l-bidliet dwar ħlasijiet, fir-rati tas-self u f'kundizzjonijiet ekonomiċi oħra li jirregolaw il-kreditu, pereżempju regoli li jipprovdu li l-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' jbidel ir-rata tas-self biss meta jkun hemm raġuni valida għal tali bidla jew li l-konsumatur jista' jittermina l-kuntratt fil-każ tal-bidla fir-rata tas-self jew f'kundizzjoni ekonomika speċifika oħra li tikkonċerna l-kreditu.

(55) F'każ ta' overrunning sinifikanti li jaqbeż perjodu ta' *xahar*, jenħtieġ li l-kreditur jagħti mingħajr dewmien informazzjoni dwar *l-overrunning* lill-konsumatur, li tinkludi l-ammont involut, ir-rata tas-self u kwalunkwe penali, imposta jew imgħax applikabbli fuq l-arretrati. F'każ ta' overrunning regolari, jenħtieġ li l-kreditur joffri servizzi ta' konsulenza lill-konsumatur, fejn disponibbli, biex jgħin lill-konsumaturi jidentifikaw alternattivi inqas għaljin, jew biex il-konsumaturi jiġu ggwidati għal servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn.

(55) F'każ ta' overrunning sinifikanti li jaqbeż perjodu ta' *ġimgħatejn*, jenħtieġ li l-kreditur jagħti mingħajr dewmien informazzjoni dwar *l-overrun* lill-konsumatur, li tinkludi l-ammont involut, ir-rata tas-self u kwalunkwe penali, imposta jew imgħax applikabbli fuq l-arretrati. F'każ ta' overrunning regolari, jenħtieġ li l-kreditur joffri servizzi ta' konsulenza lill-konsumatur, fejn disponibbli, biex jgħin lill-konsumaturi jidentifikaw alternattivi inqas għaljin, jew biex il-konsumaturi jiġu ggwidati għal servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn. *L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw limitu massimu fuq ir-rati perċentwali annwali ta' imposti possibbilment applikabbli għall-overrunning. Imposti addizzjonali f'tali ċirkostanzi jenħtieġ li jiġu pprojbiti. Jenħtieġ li dak il-limitu massimu u l-fatt li l-imposti addizzjonali huma pprojbiti jiġu kkomunikati kif xieraq lill-pubbliku mill-Istati Membri.*

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 65

(65) L-iffissar ta' limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, fuq ir-rati perċentwali annwali ta' imposta u jew fuq il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur huwa Prattika komuni f'għadd ta' Stati Membri. Dan l-iffissar ta' limitu massimu wera li huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu r-reġim legali attwali tagħhom. Madankollu, fi sforz biex tiżdied il-protezzjoni tal-konsumatur mingħajr ma jiġu imposti limiti bla bżonn fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu introdotti limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, fuq ir-rati

(65) L-iffissar ta' limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, fuq ir-rati perċentwali annwali ta' imposta u jew fuq il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur huwa Prattika komuni f'għadd ta' Stati Membri. Dan l-iffissar ta' limitu massimu wera li huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu r-reġim legali attwali tagħhom. Madankollu, fi sforz biex tiżdied il-protezzjoni tal-konsumatur mingħajr ma jiġu imposti limiti bla bżonn fuq l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu introdotti limiti massimi fuq ir-rati tal-imgħax, fuq ir-rati

perċentwali annwali ta' imposta u/jew fuq il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur *l-Unjoni* kollha.

perċentwali annwali ta' imposta u/jew fuq il-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur *fl-Unjoni* kollha. ***Jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-limiti massimi fuq ir-rata perċentwali annwali ta' imposta, il-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur u r-rati tal-imgħax sabiex tiġi żgurata u mrawma l-konverġenza superviżorja fl-Unjoni kollha. Fl-iżvilupp tal-istandards, l-EBA jenħtieġ li tqis ċerti speċifiċitajiet nazzjonali inklużi l-limiti massimi attwali.***

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni

(69) Sabiex tiżdied il-ħila tal-konsumaturi li jagħmlu deċiżjonijiet informati dwar is-self u dwar l-immaniġġjar responsabbli tad-dejn, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu miżuri biex jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi rigward is-self responsabbli u l-immaniġġjar tad-dejn b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur. Dan l-obbligu jista' jitwettaq filwaqt li jitqies il-qafas ta' kompetenza finanzjarja żviluppat mill-Unjoni flimkien mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Huwa partikolarment importanti li tingħata gwida lill-konsumaturi li jieħdu kreditu għall-konsumatur għall-ewwel darba, u b'mod speċjali fuq għodod diġitali. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika eżempji tal-aħjar Prattika biex tiffaċilita l-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri biex titjeb is-sensibilizzazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tista' tippubblika dawn l-eżempji tal-aħjar Prattiki f'koordinazzjoni ma' rapporti simili mfassla fid-dawl ta' atti leġiżlattivi oħra

Emenda

(69) Sabiex tiżdied il-ħila tal-konsumaturi li jagħmlu deċiżjonijiet informati dwar is-self u dwar l-immaniġġjar responsabbli tad-dejn, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu miżuri biex jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi rigward is-self responsabbli u l-immaniġġjar tad-dejn b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur ***u għar-fien ġenerali dwar l-immaniġġjar ta' baġit.*** Dan l-obbligu jista' jitwettaq filwaqt li jitqies il-qafas ta' kompetenza finanzjarja żviluppat mill-Unjoni flimkien mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Huwa partikolarment importanti li tingħata gwida lill-konsumaturi li jieħdu kreditu għall-konsumatur għall-ewwel darba, u b'mod speċjali fuq għodod diġitali. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika eżempji tal-aħjar Prattika biex tiffaċilita l-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri biex titjeb is-sensibilizzazzjoni finanzjarja tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tista' tippubblika dawn l-eżempji tal-aħjar Prattiki f'koordinazzjoni ma' rapporti simili

tal-Unjoni.

mfassla fid-dawl ta' atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni.

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) Il-miżuri ta' tolleranza jistgħu jinkludu rifinanzjament totali jew parzjali ta' ftehim ta' kreditu jew modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet preċedenti ta' ftehim ta' kreditu. Tali modifika **tista'** tinkludi, fost l-oħrajn: estensjoni tat-terminu tal-ftehim ta' kreditu; bidliet fit-tip tal-ftehim ta' kreditu; differiment tal-ħlas ta' parti mill-pagamenti rateali jew tal-pagamenti rateali kollha għal perjodu; bidliet tar-rata tal-imgħax; offerta ta' moratorju fuq il-pagamenti; ħlasijiet lura parzjali; kambju tal-munita; u kanċellazzjoni parzjali u konsolidazzjoni tad-dejn.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni

(72) Il-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn għajjnuna speċjalizzata għall-immaniġġjar tad-djun tagħhom. L-objettiv tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn huwa li jgħinu lill-konsumaturi jiffaċċjaw problemi finanzjarji u jiggwidawhom biex iħallsu lura, kemm jista' jkun, id-djun pendenti tagħhom, filwaqt li jżommu livell ta' ħajja deċenti u jippreservaw id-dinjità tagħhom. Din l-assistenza personalizzata u indipendenti pprovduta minn operaturi

Emenda

(71) Il-miżuri ta' tolleranza jistgħu jinkludu rifinanzjament totali jew parzjali ta' ftehim ta' kreditu jew modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet preċedenti ta' ftehim ta' kreditu. Tali modifika **jenħtieġ li** tinkludi, fost l-oħrajn: estensjoni tat-terminu tal-ftehim ta' kreditu; bidliet fit-tip tal-ftehim ta' kreditu; differiment tal-ħlas ta' parti mill-pagamenti rateali jew tal-pagamenti rateali kollha għal perjodu; bidliet tar-rata tal-imgħax; offerta ta' moratorju fuq il-pagamenti; ħlasijiet lura parzjali; kambju tal-munita; u kanċellazzjoni parzjali u konsolidazzjoni tad-dejn.

Emenda

(72) Il-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tagħhom jistgħu jibbenefikaw minn għajjnuna speċjalizzata għall-immaniġġjar tad-djun tagħhom. L-objettiv tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn huwa li jgħinu lill-konsumaturi jiffaċċjaw problemi finanzjarji u jiggwidawhom biex iħallsu lura, kemm jista' jkun, id-djun pendenti tagħhom, filwaqt li jżommu livell ta' ħajja deċenti u jippreservaw id-dinjità tagħhom. Din l-assistenza personalizzata u indipendenti pprovduta minn operaturi

professjonali li ma jkunux kredituri, intermedjarji tal-kreditu, fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew servizzjanti tal-kreditu, tista' tinkludi konsulenza legali, immaniġġjar tal-flus u tad-dejn kif ukoll assistenza soċjali u psikoloġika. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn ipprovduti minn operaturi professjonali indipendenti jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, għall-konsumaturi, **u li fejn possibbli**, il-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex iħallsu lura d-djun tagħhom jiġu riferuti għal servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn qabel ma jinbdew dawk il-proċedimenti ta' infurzar. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu rekwiżiti speċifiċi għal tali servizzi.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

(76) Jenħtieġ li ċ-ċessjoni tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkollhiex l-effett li tpoġġi lill-konsumatur f'qagħda inqas favorevoli. **Il-konsumatur** jenħtieġ **wkoll** jiġi mgħarraf sew meta l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jiġi ċedut lil parti terza. Madankollu, fejn il-kreditur oriġinali, bi ftehim maċ-ċessjonarju, ikompli jonora l-ftehim ta' kreditu fir-rigward tal-konsumatur, il-konsumatur ma jkollux interess partikolari li jiġi mgħarraf biċ-ċessjoni. Għalhekk, rekwiżit fil-livell tal-Unjoni li l-konsumatur jiġi mgħarraf biċ-ċessjoni f'każijiet bħal dawn, ikun eċċessiv.

professjonali li ma jkunux kredituri, intermedjarji tal-kreditu, fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew servizzjanti tal-kreditu, tista' tinkludi konsulenza legali, immaniġġjar tal-flus u tad-dejn kif ukoll assistenza soċjali u psikoloġika. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn ipprovduti minn operaturi professjonali indipendenti jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, għall-konsumaturi **mingħajr ħlas**, il-konsumaturi li jiffaċċjaw diffikultajiet biex iħallsu lura d-djun tagħhom jiġu riferuti għal servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn qabel ma jinbdew dawk il-proċedimenti ta' infurzar. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jintroduċu rekwiżiti speċifiċi għal tali servizzi.

Emenda

(76) Jenħtieġ li ċ-ċessjoni tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jkollhiex l-effett li tpoġġi lill-konsumatur f'qagħda inqas favorevoli. Jenħtieġ **li anki l-konsumatur** jiġi mgħarraf sew meta l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jiġi ċedut lil parti terza. Madankollu, fejn il-kreditur oriġinali, bi ftehim maċ-ċessjonarju, ikompli jonora l-ftehim ta' kreditu fir-rigward tal-konsumatur, il-konsumatur ma jkollux interess partikolari li jiġi mgħarraf biċ-ċessjoni. Għalhekk, rekwiżit fil-livell tal-Unjoni li l-konsumatur jiġi mgħarraf biċ-ċessjoni f'każijiet bħal dawn, ikun eċċessiv. **L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu b'mod espliċitu ċ-ċessjoni ta' kreditu li ma jkunx jista' jiġi rkuprat**

aktar fi proċedimenti legali jew fejn il-bażi ġuridika tal-kreditu ma tkunx tista' tintwera aktar.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Premessa 81

Test propost mill-Kummissjoni

(81) Ir-regoli nazzjonali attwali dwar il-penali jvarjaw b'mod sinifikanti fl-Unjoni kollha. B'mod partikolari, mhux l-Istati Membri kollha jiżguraw li multi effettivi, proporzjonati u dissważivi jistgħu jiġu imposti fuq kummerċjanti li huma responsabbli għal każijiet ta' ksur ***mifruxa jew każijiet ta' ksur mifruxa b'dimensjoni tal-Unjoni***. Biex ikun żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fir-rigward tal-każijiet ta' ksur mifruxa u tal-każijiet ta' ksur mifruxa b'dimensjoni tal-Unjoni li jkunu soġġetti għal miżuri kkoordinati ta' investigazzjoni u ta' infurzar f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2394³⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jiġu introdotti multi bħala element ta' penali għal tali ksur. Biex jiġi żgurat li l-multi jkollhom effett ta' deterrent, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom il-multa massima għal tali ksur f'livell li jkun mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Istati Membri kkonċernati. F'ċerti każijiet, dawk il-kummerċjanti jistgħu jkunu wkoll grupp ta' kumpaniji.

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-

Emenda

(81) Ir-regoli nazzjonali attwali dwar il-penali jvarjaw b'mod sinifikanti fl-Unjoni kollha. B'mod partikolari, mhux l-Istati Membri kollha jiżguraw li multi effettivi, proporzjonati u dissważivi jistgħu jiġu imposti fuq kummerċjanti li huma responsabbli għal każijiet ta' ksur. Biex ikun żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jimponu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fir-rigward tal-każijiet ta' ksur mifruxa u tal-każijiet ta' ksur mifruxa b'dimensjoni tal-Unjoni li jkunu soġġetti għal miżuri kkoordinati ta' investigazzjoni u ta' infurzar f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2394³⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jiġu introdotti multi bħala element ta' penali għal tali ksur. Biex jiġi żgurat li l-multi jkollhom effett ta' deterrent, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom il-multa massima għal tali ksur f'livell li jkun mill-inqas 3 % tal-fatturat annwali tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Istati Membri kkonċernati. F'ċerti każijiet, dawk il-kummerċjanti jistgħu jkunu wkoll grupp ta' kumpaniji.

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-

infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 345, 27.12.2017, p. 1).

Emenda 31

Proposta għal direttiva Premessa 81a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(81a) Peress li l-BĊE jiġbor data dwar krediti inadempjenti għall-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, jenħtieġ li data simili tinkiseb ukoll mill-EBA bil-ħsieb li tiġi ppubblikata f'forma ta' rapport annwali komprensiv li jenħtieġ li jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(87) L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva minn [OP: daħħal id-data: **sitt** xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni]. Madankollu, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli li ħolqot il-pandemija tal-COVID-19 u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw **l-impriżi mikro**, żgħar u medji, jenħtieġ li dawn l-impriżi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għalhekk, fir-rigward **tal-impriżi mikro**, żgħar u medji, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva minn [OP: daħħal id-data: **tmintax-il** xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

(87) L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva minn [OP: **jekk jogħġbok** daħħal id-data: **disa'** xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni]. Madankollu, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi ekonomiċi diffiċli li ħolqot il-pandemija tal-COVID-19 u l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw **il-mikroimpriżi**, **kif ukoll dawk** żgħar u medji, jenħtieġ li dawn l-impriżi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Għalhekk, fir-rigward **tal-mikroimpriżi**, **kif ukoll dawk** żgħar u medji, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva minn [OP: **jekk jogħġbok** daħħal id-data: **24** xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikoli 5 sa 10, l-Artikoli 12 sa 23, l-Artikoli 26, 27 u 28, l-Artikoli 30 sa 33, l-Artikolu 37 u l-Artikoli 39 sa 50 għandhom japplikaw ukoll għas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fejn dawk is-servizzi mhumiex ipprovduti minn kreditur jew intermedjarju tal-kreditu.

Emenda

L-Artikoli 1, 2 u 3, l-Artikoli 5 sa 10, l-Artikoli 12 sa 23, l-Artikoli 26, 27 u 28, l-Artikoli 30 sa 33, l-Artikolu 37 u l-Artikoli 39 sa 50 għandhom japplikaw ukoll għas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ***kif ukoll għal servizzi diġitali simili li jistgħu jiġu offruti fil-futur, jekk tali servizzi jiġu indikati mill-Kummissjoni u approvati mill-Parlament u mill-Kunsill fl-ambitu ta' Att Delegat***, fejn dawk is-servizzi mhumiex ipprovduti minn kreditur jew intermedjarju tal-kreditu.

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) ftehimiet ta' lokazzjoni mingħajr l-obbligu tax-xiri tal-oġġett ta' lokazzjoni;

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeskludu l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur taħt l-ammont ta' EUR 200 kif ukoll ftehimiet ta' kreditu fil-forma ta' faċilità ta' overdraft u fejn il-kreditu jrid jiġi jitħallas

lura fi żmien xahar. Tali esklużjonijiet fil-liġi nazzjonali għandhom jiġu approvati u l-ispedizzjonijiet mill-Istati Membri għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq tal-possibbiltà għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għar-rekwiżit li jiġu rreġistrati l-ftehimiet ta' kreditu kollha - ħlief għal ftehimiet ta' kreditu taħt EUR 200 pprovduti minn istituzzjonijiet bankarji jew tal-karti ta' kreditu lill-klijenti permanenti tagħhom - f'bażijiet ta' data sabiex tiġi pprovduta aktar trasparenza fis-suq tal-kreditu u jiġi kkumbattut id-dejn eċċessiv.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fil-każ ta' **ftehim** ta' kreditu fil-forma ta' overrunning, għandhom japplikaw l-Artikoli 1, 2, 3, l-Artikolu 25 u l-Artikoli 41 sa 50 biss.

4. Fil-każ ta' **ftehimiet** ta' kreditu fil-forma ta' overrunning, għandhom japplikaw l-Artikoli 1, 2 **u** 3, l-Artikolu 25, **l-Artikolu 35, l-Artikolu 36, l-Artikolu 39** u l-Artikoli 41 sa 50 biss.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)

Sabiex tiġi pprovduta aktar trasparenza fis-suq tal-kreditu u jiġi kkumbattut id-dejn eċċessiv, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ftehimiet ta' kreditu kollha jkunu rreġistrati f'bażijiet tad-data.

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "ftehim ta' kreditu" tfisser ftehim li bih kreditur jagħti jew iwiegħed li jagħti lil konsumatur kreditu fil-forma ta' ħlas differit, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra; ħlief għal ***ftehim*** għall-provvista fuq bażi kontinwa ta' servizzi jew ***il-provvista*** ta' oġġetti tal-istess xorta, fejn il-konsumatur iħallas għal tali servizzi jew oġġetti għat-tul ta' żmien tal-provvista tagħhom permezz ta' pagamenti rateali;

Emenda

(3) "ftehim ta' kreditu" tfisser ftehim li bih kreditur jagħti jew iwiegħed li jagħti lil konsumatur kreditu fil-forma ta' ħlas differit, self jew akkomodazzjoni finanzjarja simili oħra; ħlief għal:

(i) ***ftehimiet*** għall-provvista fuq bażi kontinwa ta' servizzi jew ***għall-provvista*** ta' oġġetti tal-istess xorta, fejn il-konsumatur iħallas għal tali servizzi jew oġġetti għat-tul ta' żmien tal-provvista tagħhom permezz ta' pagamenti rateali;

(ii) ***ftehimiet ta' lokazzjoni fejn ma hemmx stipulat l-obbligu tax-xiri tal-oġġett tal-ftehim la bil-ftehim innifsu u lanqas bi kwalunkwe ftehim separat; tali obbligu għandu jiġi kkunsidrat li jeżisti jekk dan jiġi deċiż hekk mill-kreditur b'mod unilaterali;***

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "kost totali tal-kreditu għall-konsumatur" tfisser il-kostijiet kollha, inklużi **interessi**, kummissjonijiet, taxxi, u kwalunkwe tip ta' tariffi oħrajn li l-konsumatur għandu jħallas b'konnessjoni mal-ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u li huma magħrufin **mal-kreditur**, f'każ ta' ftehimiet ta' kreditu, jew mal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, f'każ ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, ħlief għal kostijiet notarili; il-kostijiet relatati ma' servizzi anċillari fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv huma inklużi wkoll fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur **fejn, barra minn hekk, il-konklużjoni ta' kuntratt fir-rigward ta' servizzi anċillari huwa obbligatorju sabiex jinkiseb il-kreditu jew biex jinkiseb il-kreditu skont it-termini u l-kondizzjonijiet kummerċjalizzati**;

Emenda 41

**Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11**

Test propost mill-Kummissjoni

(11) "mezz durabbli" tfisser **kull** strument li jippermetti lill-konsumatur jaħżen informazzjoni indirizzata lill-personalment b'mod aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet ta' informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

Emenda 42

Emenda

(5) "kost totali tal-kreditu għall-konsumatur" tfisser il-kostijiet kollha, inklużi **mgħax**, kummissjonijiet, taxxi u kwalunkwe tip ta' tariffi oħrajn li l-konsumatur għandu jħallas b'konnessjoni mal-ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u li huma magħrufin **mill-kreditur**, f'każ ta' ftehimiet ta' kreditu, jew mal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, f'każ ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, ħlief għal kostijiet notarili; il-kostijiet relatati ma' servizzi anċillari fir-rigward tal-ftehim ta' kreditu jew is-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv huma inklużi wkoll fil-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur;

Emenda

(11) "mezz durabbli" tfisser **kwalunkwe** strument, **inklużi mezz fuq karta u diġitali**, li jippermetti lill-konsumatur jaħżen informazzjoni indirizzata lill-personalment b'mod aċċessibbli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet ta' informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) "informazzjoni prekontrattwali" tfisser l-informazzjoni li ***l-konsumatur*** jeħtieġ biex ikun jista' jqabbel offerti ta' kreditu differenti u jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk għandux jikkonkludi l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) "ħlas lura antiċipat" tfisser il-ħelsien sħiħ jew parzjali mill-obbligi tal-konsumatur skont ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv;

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) "servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn" tfisser assistenza personalizzata ta' natura teknika, legali jew psikoloġika pprovduta minn operaturi professjonali indipendenti lill-konsumaturi li jesperjenzaw jew li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet biex ilaħħqu mal-impenji finanzjarji tagħhom;

Emenda

(13) "informazzjoni prekontrattwali" tfisser l-informazzjoni li ***ġiet ippreżentata lill-konsumatur b'mod li jinftiehem u li*** jeħtieġ biex ikun jista' jqabbel offerti ta' kreditu differenti u jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk għandux jikkonkludi l-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;

Emenda

(22) "ħlas lura antiċipat" tfisser il-ħelsien sħiħ jew parzjali mill-obbligi tal-konsumatur skont ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ***qabel id-data għall-ħlas miftiehma fil-ftehim ta' kreditu;***

Emenda

(25) "servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn" tfisser assistenza personalizzata ta' natura teknika, legali jew psikoloġika pprovduta minn operaturi professjonali indipendenti ***li ma jkunux kredituri, intermedjarji tal-kreditu, fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew servizzjanti tal-kreditu,*** lill-konsumaturi li jesperjenzaw jew li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet biex ilaħħqu

mal-impenji finanzjarji tagħhom;

Emenda 45

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta tingħata informazzjoni lill-konsumaturi f'konformità ma' din d-Direttiva, tali informazzjoni tingħata mingħajr ħlas lill-konsumatur.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, meta tingħata informazzjoni lill-konsumaturi f'konformità ma' din d-Direttiva, tali informazzjoni tingħata mingħajr ħlas lill-konsumatur ***irrispettivament mill-mezzi użati biex tiġi pprovduta.***

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiffissaw limitu massimu għal kwalunkwe kost għall-għoti ta' informazzjoni addizzjonali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva pprovduta fuq talba tal-konsumatur.

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawn id-dispożizzjonijiet jiġu applikati mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regolamenti bankarji kif ukoll ta' regolamenti kontra l-ħasil tal-flus.

Emenda 48

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kwalunkwe komunikazzjoni ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni rigward ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa. Il-kliem f'dawn il-komunikazzjonijiet ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni li jistgħu joħolqu aspettattivi foloz għall-konsumaturi fir-rigward tad-disponibbiltà jew il-kost ta' kreditu għandhom jiġu pprojbiti.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/29/KE, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kwalunkwe komunikazzjoni ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni rigward ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ***koperti b'din il-leġiżlazzjoni*** tkun ġusta, ċara u mhux qarrieqa. Il-kliem f'dawn il-komunikazzjonijiet ta' reklamar u kummerċjalizzazzjoni li jistgħu joħolqu aspettattivi foloz għall-konsumaturi fir-rigward tad-disponibbiltà jew il-kost ta' kreditu għandhom jiġu pprojbiti.

Emenda 49

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li r-reklamar dwar ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jindika ***rata tal-imgħax jew*** kwalunkwe ċifra relatata mal-kost tal-kreditu għall-konsumatur ikun jinkludi informazzjoni standard f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li r-reklamar dwar ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jindika kwalunkwe ċifra relatata mal-kost tal-kreditu għall-konsumatur ikun jinkludi informazzjoni standard f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Emenda 50

**Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Dan l-obbligu ma għandux japplika fejn id-dritt nazzjonali jirrikjedi l-indikazzjoni

Emenda

imħassar

tar-rata perċentwali annwali ta' imposta fir-reklamar dwar ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li ma jindikax rata tal-imgħax jew kwalunkwe ċifra relatata ma' kwalunkwe kost tal-kreditu għall-konsumatur fit-tifsira tal-ewwel subparagrafu.

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-informazzjoni standard għandha tkun tista' tinqara faċilment jew tinstema' b'mod ċar, kif xieraq, u adattata għar-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz użat għar-reklamar u għandha tispeċifika b'mod ċar, konċiż u prominenti, permezz ta' eżempju rappreżentattiv, l-elementi kollha li ġejjin:

Emenda

2. L-informazzjoni standard għandha tkun tista' tinqara faċilment jew tinstema' b'mod ċar, kif xieraq, u adattata għar-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz użat għar-reklamar. ***L-informazzjoni ma għandhiex tiġi ppreżentata b'test żgħir*** u għandha tispeċifika b'mod ċar, konċiż u prominenti, permezz ta' eżempju rappreżentattiv, l-elementi kollha li ġejjin:

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) twissija ċara u viżibbli għall-konsumatur li tgħid "TWISSIJA: is-self jiswa l-flus";

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) informazzjoni rigward il-

konsegwenzi - inklużi l-kostijiet - marbuta ma' ħlasijiet maqbuża jew tard;

Emenda 54

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *L-EBA għandha tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-format u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li tinsab fl-Artikolu 8(2).*

Emenda 55

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri jew, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħmlu disponibbli informazzjoni ġenerali ċara u li tinftiehem dwar il-ftehimiet ta' kreditu **u** s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'kull ħin fuq karta **jew** fuq mezz durabbli ieħor.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri jew, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħmlu disponibbli informazzjoni ġenerali ċara u li tinftiehem dwar il-ftehimiet ta' kreditu **jew** s-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'kull ħin **jew** fuq karta, **inkella** fuq mezz durabbli ieħor **jew f'forma elettronika, skont x'jagħżel il-konsumatur**.

Emenda 56

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament

kollettiv, jagħtu lill-konsumatur l-informazzjoni prekuntrattwali meħtieġa biex iqabbel offeriti differenti sabiex jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv abbażi tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kreditu offruti mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u, fejn applikabbli, il-preferenzi espressi u l-informazzjoni mogħtija mill-konsumatur. Tali informazzjoni prekuntrattwali għandha tingħata lill-konsumatur **mill-inqas jum** qabel ma jkun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu jew offerta, jew bi kwalunkwe ftehim jew offerta għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda 57

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tingħata inqas minn jum qabel ma l-konsumatur jkun marbut bil-ftehim ta' kreditu jew offerta, jew bi kwalunkwe ftehim jew offerta għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jibagħtu tfakkira, fuq karta jew fuq kwalunkwe mezz durabbli ieħor lill-konsumatur dwar il-possibbiltà li jirtira mill-ftehim ta' kreditu u mis-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-irtirar, f'konformità mal-Artikolu 26. Dik it-tfakkira lill-konsumatur għandha ssir mhux aktar tard minn jum wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, tal-ftehim għall-provvista ta' servizz ta'

kollettiv, jagħtu lill-konsumatur l-informazzjoni prekuntrattwali meħtieġa biex iqabbel offeriti differenti sabiex jieħu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkonkludix ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv abbażi tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kreditu offruti mill-kreditur jew mill-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u, fejn applikabbli, il-preferenzi espressi u l-informazzjoni mogħtija mill-konsumatur. Tali informazzjoni prekuntrattwali għandha tingħata lill-konsumatur **fi żmien xieraq iżda mhux iktar tard minn tliet sghat** qabel ma jkun marbut bi kwalunkwe ftehim ta' kreditu jew offerta, jew bi kwalunkwe ftehim jew offerta għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda

F'każ li l-informazzjoni prekuntrattwali msemmija fl-ewwel subparagrafu tingħata inqas minn jum qabel ma l-konsumatur jkun marbut bil-ftehim ta' kreditu jew offerta, jew bi kwalunkwe ftehim jew offerta għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv **jipprovd u l-informazzjoni prekuntrattwali qabel ma l-konsumatur jintrabat bil-ftehim ta' kreditu jew joffru u** jibagħtu tfakkira, fuq karta jew fuq kwalunkwe mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur**, lill-konsumatur dwar il-possibbiltà li jirtira mill-ftehim ta' kreditu u mis-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita għall-irtirar, f'konformità mal-Artikolu 26. Dik

kreditu ta' finanzjament kollettiv jew l-aċċettazzjoni tal-offerta ta' kreditu.

it-tfakkira lill-konsumatur għandha ssir mhux aktar tard minn jum wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu, tal-ftehim għall-provvista ta' servizz ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jew l-aċċettazzjoni tal-offerta ta' kreditu.

Emenda 58

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-informazzjoni prekontrattwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fuq **karta jew fuq** mezz durabbli **ieħor** permezz tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness I. L-informazzjoni kollha mogħtija fil-formola wkoll għandha tkun prominenti. Il-kreditur għandu jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni f'dan il-paragrafu u fl-Artikolu 3, il-paragrafi (1) u (2) tad-Direttiva 2002/65/KE jekk huwa jkun ipprovdha l-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

Emenda

2. L-informazzjoni prekontrattwali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata fuq mezz durabbli (**diġitalment b'mod prestabbilit, fuq karta fuq talba tal-konsumatur jew tal-kreditur**) permezz tal-formola tal-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness I. L-informazzjoni kollha mogħtija fil-formola wkoll għandha tkun prominenti. Il-kreditur għandu jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni f'dan il-paragrafu u fl-Artikolu 3, il-paragrafi (1) u (2) tad-Direttiva 2002/65/KE jekk huwa jkun ipprovdha l-Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

Emenda 59

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

(n) twissija dwar il-konsegwenzi meta ma jsirux ħlasijiet jew meta dawn isiru tard;

Emenda

(n) twissija dwar il-konsegwenzi meta ma jsirux ħlasijiet jew meta dawn isiru tard, **inklużi l-kostijiet tagħhom**;

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni

(q) id-dritt ta' ħlas lura antiċipat, u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod li bih dan il-kumpens jiġi ddeterminat;

Emenda

(q) id-dritt ta' ħlas lura antiċipat, u, fejn applikabbli, informazzjoni dwar id-dritt tal-kreditur għal kumpens u l-mod li bih dan il-kumpens jiġi ddeterminat **f'konformità mal-Artikolu 29**;

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni

(s) **id-dritt tal-konsumatur**, kif stabbilit fil-paragrafu 8, li **jingħata, fuq talba u** mingħajr ħlas, kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu jew tal-abbozz tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, dment li l-kreditur **fiż-żmien tat-talba jkun** lest li jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mal-konsumatur;

Emenda

(s) **l-obbligu tal-kreditur**, kif stabbilit fil-paragrafu 8, li **jipprovdi lill-konsumatur** mingħajr ħlas, kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu jew tal-abbozz tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, dment li l-kreditur **ikun** lest li jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mal-konsumatur;

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fl-istess ħin **li tiġi pprovduta l-formola tal-Infommazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur lill-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, għandu jagħti lill-konsumatur il-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-**

Emenda

4. Fl-istess ħin, l-informazzjoni li ġejja **għandha tiġi pprovduta fuq l-ewwel paġna tal-Infommazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur (SECCI) kemm, jekk possibbli, f'forma grafika standardizzata fl-Unjoni kollha kif ukoll elementi enfasizzati, separati viżwalment imqabbla ma' elementi oħra tal-paġni ta' wara:**

Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness II, li jkun fiha l-informazzjoni prekuntrattwali li ġejja:

Emenda 63

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ir-rata tas-self, jew ir-rati tas-self kollha jekk japplikaw rati *ta' self* differenti f'ċirkostanzi differenti;

Emenda

(c) ir-rata tas-self - **inkluża l-indikazzjoni dwar jekk ir-rati tal-imgħax humiex fissi jew varjabbli**, jew ir-rati tas-self kollha jekk japplikaw rati *tas-self* differenti f'ċirkostanzi differenti;

Emenda 64

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

(f) il-kostijiet fil-każ ta' ħlasijiet tard;

Emenda

(f) il-kostijiet fil-każ ta' ħlasijiet tard **jew nieqsa**;

Emenda 65

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) il-kost totali tal-kreditu

Emenda 66

**Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-informazzjoni murija fil-formola

5. L-informazzjoni murija fil-formola

tal-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur ***u fil-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur*** għandha tkun konsistenti. Din għandha tkun tinqara faċilment u tqis ir-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz li fuqu tintwera. L-informazzjoni għandha tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti.

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-format u l-preżentazzjoni tal-formola tal-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa li tadotta sa XX l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. ***Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur*** bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu, ***il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu jew l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom jagħtu lill-konsumatur il-***

7. ***Ftehim ta' kreditu ma jistax jiġi konkluż bl-użu *esklużiv* ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni *mill-**Informazzjoni Standard Ewropea** dwar il-Kreditu għall-Konsumatur* tingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu.***

formola tal-Infurmazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u l-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur immedjatement wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda 69

Proposta għal direttiva Artikolu 10 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. ***Fuq talba tal-konsumatur***, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom, minbarra l-formola tal-Infurmazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur ***u l-formola tal-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur***, jagħtu lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu, jew tal-abbozz tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mingħajr ħlas, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mal-konsumatur.

Emenda 70

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Fl-istess ħin li tiġi pprovduta l-***

Emenda

8. Il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom, minbarra l-formola tal-Infurmazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur jagħtu lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu, jew tal-abbozz tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mingħajr ħlas, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv mal-konsumatur. ***L-għoti tal-offerta ta' kreditu għandha tobbliga lill-kreditur iżomm it-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu għal minimu ta' sebat ijiem mid-data li fiha l-konsumatur ikun irċieva l-offerta.***

Emenda

imħassar

*formola tal-**Informazzjoni Ewropea** dwar il-**Kreditu għall-Konsumatur lill-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu, għandhom jagħtu lill-konsumatur il-formola tal-**Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur stabbilita fl-Anness II.*****

Emenda 71

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-informazzjoni murija **fil-formola tal-*Informazzjoni Ewropea* dwar il-*Kreditu għall-Konsumatur u fil-formola tal-**Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur*** għandha tkun konsistenti. Din għandha tkun tinqara faċilment u tqis ir-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz li fuqu tintwera. L-informazzjoni għandha tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti.**

Emenda 72

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Fuq talba tal-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu għandhom, minbarra **l-formola tal-*Informazzjoni Standard Ewropea* dwar il-*Kreditu għall-Konsumatur u l-formola tal-**Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur***, jagħtu lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu mingħajr ħlas, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu mal-konsumatur.**

Emenda

4. L-informazzjoni murija **fl-*Informazzjoni Ewropea* dwar il-*Kreditu għall-Konsumatur* għandha tkun konsistenti. Din għandha tkun tinqara faċilment u tqis ir-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezz li fuqu tintwera. L-informazzjoni għandha tintwera b'mod adegwat u xieraq fuq il-mezzi differenti.**

Emenda

6. Fuq talba tal-konsumatur, il-kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu għandhom, minbarra **l-*Informazzjoni Standard Ewropea* dwar il-*Kreditu għall-Konsumatur*, jagħtu lill-konsumatur kopja tal-abbozz tal-ftehim ta' kreditu mingħajr ħlas, dment li l-kreditur fiż-żmien tat-talba jkun lest jipproċedi għall-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu mal-konsumatur.**

Emenda 73

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-kreditur għandu jagħti lill-konsumatur il-formola tal-*Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur u l-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea lejn il-Kreditu għall-Konsumatur* immedjatament wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu.

Emenda 74

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinfurmaw lill-konsumaturi meta jiġu ppreżentati b'offerta personalizzata li tkun ibbażata fuq it-tfassil ta' profili jew tipi oħra ta' pproċessar awtomatizzat ta' data personali.

Emenda 75

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Jekk il-ftehim ikun ġie konkluż fuq it-talba tal-konsumatur bl-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod li ma jippermettix li l-informazzjoni tingħata f'konformità ma' dan l-Artikolu, il-kreditur għandu jagħti lill-konsumatur il-formola tal-*Informazzjoni Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur* immedjatament wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kreditu.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 2016/679, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinfurmaw lill-konsumaturi meta jiġu ppreżentati b'offerta personalizzata li tkun ibbażata fuq it-tfassil ta' profili jew tipi oħra ta' pproċessar awtomatizzat ta' data personali.

data finanzjarja kif iddefinit fl-Artikolu 18(2), mingħajr il-kunsens minn qabel tal-konsumatur.

Emenda 76

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. B'deroga mill-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-bejgħ abbinat meta l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun jista' juri lill-awtorità kompetenti li l-prodotti abbinati jew il-kategoriji ta' prodotti offruti, fuq termini u kundizzjonijiet simili għal xulxin, jirriżultaw f'benefiċċju ċar għall-konsumaturi meta jitqiesu kif xieraq id-disponibbiltà u l-prezzijiet tal-prodotti rilevanti offruti fis-suq.

imħassar

Emenda 77

Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-kredituri jew lill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jirrikjedu li l-konsumatur ikollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti relatata mal-ftehim ta' kreditu jew mas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun meħtieġ jaċċetta l-polza ta' assicurazzjoni minn

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-kredituri jew lill-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jirrikjedu li l-konsumatur ikollu polza tal-assigurazzjoni rilevanti relatata mal-ftehim ta' kreditu jew mas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ikun meħtieġ jaċċetta l-polza ta' assicurazzjoni minn

fornitur differenti mill-fornitur preferut tiegħu meta din il-polza jkollha livell ta' garanzija ekwivalenti għal dik li jkun ippropona l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, mingħajr ma jibdel il-kundizzjoni tal-offerta ta' kreditu lill-konsumatur.

fornitur differenti mill-fornitur preferut tiegħu meta din il-polza jkollha livell ta' garanzija ekwivalenti għal dik li jkun ippropona l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, mingħajr ma jibdel il-kundizzjoni tal-offerta ta' kreditu lill-konsumatur. ***L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li jekk il-konsumatur ikun jehtiegħ żmien addizzjonali biex iqabbel l-offerti tal-poloż tal-assigurazzjoni qabel ma jixtri waħda, dak il-konsumatur għandu jingħata mill-inqas tlitt ijiem biex iqabbilhom, mingħajr ma tinbidel l-offerta.***

Emenda 78

Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jinferux il-qbil tal-konsumatur ***mal-akkwist*** ta' servizzi anċillari ppreżentati permezz ta' għażliet prestabbiliti. L-għażliet prestabbiliti jinkludu kaxxi mmarkati minn qabel.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ma jinferux il-qbil tal-konsumatur ***għax-xiri*** ta' servizzi anċillari ***jew prodotti ta' kreditu*** ppreżentati permezz ta' għażliet prestabbiliti. ***Filwaqt li*** l-għażliet prestabbiliti jinkludu kaxxi mmarkati minn qabel, ***nuqqas ta' attività ma għandux jinftiehem bħala kunsens min-naħa tal-konsumatur.***

Emenda 79

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li qabel ma jagħtu servizzi ta' konsulenza jew qabel il-konklużjoni ta' kuntratt għall-provvista ta' tali servizzi, il-

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li qabel ma jagħtu servizzi ta' konsulenza jew qabel il-konklużjoni ta' kuntratt għall-provvista ta' tali servizzi, il-

kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jagħtu lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor:

kreditur u, fejn applikabbli, l-intermedjarju tal-kreditu u l-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jagħtu lill-konsumatur l-informazzjoni li ġejja fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur**:

Emenda 80

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jagħtu fl-aħjar interessi tal-konsumatur;

Emenda

(d) jagħtu fl-aħjar interessi tal-konsumatur, **inkluż billi jiffukaw b'mod espliċitu fuq it-tnaqqis tal-possibbiltà għall-konsumatur li jispiċċa b'dejn eċċessiv**;

Emenda 81

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) jagħtu lill-konsumatur rekord fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor tar-rakkomandazzjoni mogħtija.

Emenda

(e) jagħtu lill-konsumatur rekord fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur** tar-rakkomandazzjoni mogħtija.

Emenda 82

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri **jistgħu** jipprojbixxu l-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulent" jew termini simili meta s-servizzi ta' konsulenza jiġu kkummerċjalizzati u pprovduti lill-konsumaturi minn kredituri jew **fejn**

Emenda

4. L-Istati Membri **għandhom** jipprojbixxu l-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulent" jew termini simili meta s-servizzi ta' konsulenza **jkunu qed** jiġu kkummerċjalizzati u pprovduti lill-konsumaturi minn kredituri jew fornituri ta'

applikabbli, intermedjarji tal-kreditu jew fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda 83

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn l-Istati Membri **ma jipprojbux l-użu tat-termini "konsulenza" u "konsulent" jew termini simili, huma** għandhom jimponu l-kundizzjonijiet li ġejjin fuq l-użu tat-terminu "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" minn **kredituri, intermedjarji tal-kreditu jew fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv** li jagħtu servizzi ta' konsulenza:

L-Istati Membri għandhom jimponu l-kundizzjonijiet li ġejjin fuq l-użu tat-terminu "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" minn intermedjarji tal-kreditu li jagħtu servizzi ta' konsulenza:

Emenda 84

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-kredituri **u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri** ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom iqisu għadd kbir biżżejjed ta' ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv disponibbli fis-suq;

(a) il-kredituri **jew il-fornituri** ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv għandhom iqisu għadd kbir biżżejjed ta' ftehimiet ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv disponibbli fis-suq;

Emenda 85

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-punt (b) tat-tieni subparagrafu għandu japplika biss meta l-għadd ta' kredituri

imħassar

*meqjusa jkun inqas minn maġġoranza
tas-suq.*

Emenda 86

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri **jistgħu** jimponu rekwiżiti aktar stretti għall-użu tat-termini "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" **mill-kredituri u, fejn applikabbli, mill-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.**

Emenda

L-Istati Membri **għandhom** jimponu rekwiżiti aktar stretti għall-użu tat-termini "konsulenza indipendenti" jew "konsulent indipendenti" mill-intermedjarji tal-kreditu.

Emenda 87

Proposta għal direttiva Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kredituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu **u l-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv** iwissu lil konsumatur meta ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jistgħu jwasslu għal riskju speċifiku għall-konsumatur meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

Emenda

5. **Meta jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza lill-konsumaturi**, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kredituri u, fejn applikabbli, l-intermedjarji tal-kreditu **jew il-fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv** iwissu lil konsumatur meta ftehim ta' kreditu jew servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jistgħu jwasslu għal riskju speċifiku għall-konsumatur meta titqies is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

Emenda 88

Proposta għal direttiva Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li

kwalunkwe bejgħ ta' kreditu lill-konsumaturi mingħajr ma jkunu talbu dan minn qabel u mingħajr il-ftehim espliċitu tagħhom.

Emenda 89

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu, jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, il-kreditur jew, fejn applikabbli, il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv **jagħmel** valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. Dik il-valutazzjoni għandha ssir fl-interess tal-konsumatur, biex jiġu evitati Prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv, u għandha tqis kif xieraq il-fatturi rilevanti għall-verifika tal-prospett tal-konsumatur li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

l-kreditur jagħmel offerti lill-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu kwalunkwe ***offerta ta'*** bejgħ ta' kreditu lill-konsumaturi, mingħajr ma jkunu talbu dan minn qabel jew mingħajr il-ftehim espliċitu tagħhom. ***Din id-dispożizzjoni ma għandhiex timpedixxi l-attivitàjiet ta' reklamar ġenerali.***

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, qabel il-konklużjoni ta' ftehim ta' kreditu, jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, il-kreditur jew, fejn applikabbli, il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ***ikun għamel*** valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-konsumatur. Dik il-valutazzjoni għandha ***tkun proporzjonata u*** ssir fl-interess tal-konsumatur, biex jiġu evitati Prattiki ta' self irresponsabbli u dejn eċċessiv, u għandha tqis kif xieraq il-fatturi rilevanti ***disponibbli (i)*** għall-verifika tal-prospett tal-konsumatur li jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-ftehim ta' kreditu jew il-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv ***f'konformità man-natura, mat-tul ta' żmien u mal-profil tar-riskju tal-konsumatur u (ii) għar-riskju tal-konsumatur li ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja ma għandhiex tapplika għal ftehimiet ta' kreditu taħt l-ammont ta' EUR 200 pprovdoti minn istituzzjonijiet bankarji jew tal-karti ta' kreditu lill-klijenti permanenti tagħhom.***

Il-valutazzjoni għandha tiżgura - jekk id-data dan tippermettuh - li l-kreditu miftiehem ma jpoġġix lill-konsumatur

f'diffikultà finanzjarja. Il-konsumatur għandu jiġi infurmat dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni u dwar il-konsegwenzi finanzjarji meta jieħu kreditu. Il-valutazzjoni trid tkun ibbażata fuq informazzjoni disponibbli li tkun biżżejjed biex jiġi vvalutat b'mod adegwat il-baġit tal-unità domestika tal-konsumatur.

Emenda 90

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha titwettaq abbażi ta' informazzjoni rilevanti u preċiża dwar l-introjtu u l-ispejjeż tal-konsumatur u ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi oħra li hija meħtieġa u proporzjonata bħal evidenza ta' introjtu jew sorsi oħra ta' ħlas lura, informazzjoni dwar assi u obligazzjonijiet finanzjarji, jew informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra. L-informazzjoni għandha tinkiseb minn sorsi interni u esterni rilevanti, inkluż il-konsumatur u, fejn meħtieġ, abbażi ta' konsultazzjoni ta' bażi tad-data rilevanti msemmija fl-Artikolu 19.

Emenda

2. Il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha titwettaq abbażi ta' informazzjoni rilevanti u preċiża dwar l-introjtu u l-ispejjeż tal-konsumatur u ċirkostanzi finanzjarji u ekonomiċi oħra li hija meħtieġa u proporzjonata bħal evidenza ta' introjtu jew sorsi oħra ta' ħlas lura, informazzjoni dwar assi u obligazzjonijiet finanzjarji, jew informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra. L-informazzjoni għandha tinkiseb minn sorsi interni u esterni rilevanti, inkluż il-konsumatur u, fejn meħtieġ, abbażi ta' konsultazzjoni ta' bażi tad-data rilevanti msemmija fl-Artikolu 19.

Id-data użata għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandha tkun ibbażata fuq il-Linji Gwida tal-EBA.^{1a} L-estensjoni tal-verifika għandha tkun proporzjonali għall-ammont tal-kreditu mogħti u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-konsumatur. Il-prinċipju eżatt tal-proporzjonalità iżda anki l-istandards tekniċi marbuta mal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandhom jiġu ddefiniti u ddettaljati mill-Kummissjoni wara konsultazzjonijiet mal-EBA fl-istandards tekniċi regolatorji.

Id-data personali msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 ma għandhiex tintuża

għall-valutazzjoni.

L-informazzjoni użata għall-valutazzjoni kif ukoll il-valutazzjoni waħedha għandhom ikunu konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva.

^{1a} Din id-data tinkludi l-informazzjoni li ġejja: Evidenza ta' identifikazzjoni; Evidenza ta' residenza; Fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-fini tas-self; Fejn applikabbli, evidenza tal-eliġibbiltà għall-finijiet tas-self; Evidenza ta' impjeg, inkluż it-tip, is-settur, l-istatus (eż. full-time, part-time, kuntrattur, ħaddiem għal rasu) u t-tul ta' żmien; Evidenza ta' introjtu jew sorsi oħra ta' ħlas lura (inklużi bonus annwali, kummissjoni, sahra, fejn applikabbli) li tkopri perjodu raġonevoli, inklużi riċevuti tas-salarju, rendikonti tal-kont bankarju kurrenti, u kontijiet awditjati jew ivverifikati professjonalment (għal persuni li jaħdmu għal rashom); Informazzjoni dwar assi u obligazzjonijiet finanzjarji, eż. rendikonti tal-kont ta' tfaddil u rendikonti ta' self li jindikaw bilanċi ta' self pendenti; Informazzjoni dwar impenji finanzjarji oħra, bħall-manteniment tat-tfal, miżati tal-edukazzjoni u alimenti, jekk rilevanti; Informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-unità domestika u d-dipendenti; Evidenza tal-istatus tat-taxxa; Fejn applikabbli, evidenza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għall-mutwatarji msemija; Fejn applikabbli, data mir-reġistri tal-krediti jew mill-bureaux tal-informazzjoni dwar il-krediti jew bażijiet tad-data rilevanti oħra, li tkopri l-informazzjoni dwar obligazzjonijiet finanzjarji u arretrati fil-ħlas; Informazzjoni dwar il-kollateral, jekk ikun hemm; Evidenza tas-sjieda tal-kollateral; Evidenza tal-valur tal-kollateral; Evidenza tal-assigurazzjoni tal-kollateral; Informazzjoni dwar garanziji, fatturi oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu u garanti, jekk ikun hemm;

Ftehim tal-kiri jew evidenza ta' introjtu potenzjali mill-kiri għal self għal xiri għall-kiri, jekk ikun hemm; Permessi u stimi tal-kostijiet, jekk applikabbli, għal self għall-bini u t-titjib ta' proprjetà immobbli.

Emenda 91

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-informazzjoni miksuba f'konformità ma' dan il-paragrafu għandha tiġi vverifikata kif xieraq, fejn meħtieġ permezz ta' referenza għal dokumentazzjoni verifikabbli b'mod indipendenti.

Emenda

L-informazzjoni miksuba f'konformità ma' dan il-paragrafu għandha tiġi vverifikata kif xieraq, fejn meħtieġ **u b'mod proporzjonat** permezz ta' referenza għal dokumentazzjoni verifikabbli b'mod indipendenti **jew bl-użu ta' metodi statistiċi fi ħdan sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati.**

Emenda 92

Proposta għal direttiva

Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħmel il-kreditu disponibbli għall-konsumatur biss meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv **x'aktarx li jiġu** ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv **jista'** jagħmel il-kreditu disponibbli għall-konsumatur biss meta r-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika **li ma jeżistu ebda dubji sostanzjali** li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv **huma** ssodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim. **Madankollu, valutazzjoni pożittiva tal-affidabbiltà kreditizja ma għandhiex tikkostitwixxi obbligu għall-kreditur li jipprovdi kreditu.**

Il-metodi possibbli għat-twertiq tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja għandhom ikunu bbażati fuq Linji Gwida ddeterminati b'mod konġunt mill-EBA u mill-Kumitat għall-Protezzjoni tad-Data tal-UE.

Minkejja l-ewwel *subparagrafi*, fejn ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja jindika li l-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu jew mill-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv x'aktarx li ma jiġux issodisfati kif meħtieġ skont dak il-ftehim, il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jista' eċċezzjonalment jagħmel il-kreditu disponibbli għall-konsumatur f'ċirkostanzi speċifiċi u ġġustifikati sew.

Minkejja l-ewwel *subparagrafu*, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, minkejja l-valutazzjoni negattiva, l-Istati Membri jistgħu joffru għażla fil-liġi nazzjonali li tippermetti li kreditu żgħir - kif iddefinit minn Stat Membru - jista' jingħata biex jiffinanzja spejjeż eċċezzjonali għall-kura tas-saħħa, self għall-istudenti jew self għall-konsumaturi b'diżabbiltà. Id-deċiżjoni tal-kreditur u l-ġustifikazzjoni tiegħu għall-ġhoti ta' tali kreditu għandhom jiġu ddokumentati kif xieraq. Għandha tinħareġ ukoll twissija lill-konsumatur. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jipprovdu din l-għażla.

Emenda 93

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

6. Meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tkun tinvolvi l-użu ta' tfassil ta' profili jew ipproċessar awtomatizzat ieħor ta' data personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur **ikollu d-dritt** li:

Emenda

6. Meta l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tkun tinvolvi l-użu ta' tfassil ta' profili jew ipproċessar awtomatizzat ieħor ta' data personali, **u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur **jiġi infurmat mill-kreditur jew mill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu kollettiv bid-dritt** li:

Emenda 94

Proposta għal direttiva Artikolu 18 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jitlob u jikseb mill-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv spjegazzjoni ċara tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, inkluż dwar ***il-loġika u r-riskji*** involuti fl-ipproċessar awtomatizzat ta' data personali ***kif ukoll is-sinifikat u l-effetti tiegħu fuq id-deċizzjoni***;

Emenda

(b) jitlob u jikseb mill-kreditur jew mill-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv spjegazzjoni ċara tal-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja, inkluż dwar ***(i) ir-riskji*** involuti fl-ipproċessar awtomatizzat ta' data personali, ***u (ii) il-kategoriji tad-data li jitqiesu fil-valutazzjoni***;

Emenda 95

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 6 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jesprimi l-fehma tiegħu u jikkontesta ***l-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja u*** d-deċizzjoni.

Emenda

(c) jesprimi l-fehma tiegħu u jikkontesta d-deċizzjoni.

Emenda 96

**Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 9 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kull kreditur, kull intermedjarju tal-kreditu u kull fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li mhumiex istituzzjonijiet tal-kreditu skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4(1), il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, awtorizzati biex jikkonsultaw il-bażijiet tad-data msemmija fl-Artikolu 19, ikunu obbligati jikkontribwixxu għat-tali bażijiet tad-data.

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-bażijiet tad-data msemija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom tal-anqas informazzjoni dwar ***il-pagamenti arretrati*** tal-konsumaturi.

Emenda

3. Il-bażijiet tad-data msemija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom mill-inqas informazzjoni dwar ***l-imġiba tal-ħlas lura*** tal-konsumaturi ***b'rabta mal-ftehimiet finanzjarji eżistenti tagħhom, inklużi l-arretrati, fejn dan ikun permess fl-ambitu tal-oqfsa legali nazzjonali u tar-Regolament (UE) 2016/679.***

Il-persuna responsabbli mill-bażi tad-data tista' tagħti l-aċċess għall-bażi tad-data biss jekk hi tkun innotifikat minn qabel lis-suġġett tad-data bit-tfittxija. Il-persuna li tagħmel it-tfittxija għandha tagħti prova lill-operatur tal-bażi tad-data li hemm raġuni leġittima għat-tfittxija. L-operatur tal-bażi tad-data għandu jivverifika l-plawżibbiltà u jżomm il-prova għal spezzjonijiet uffiċjali.

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Sabiex tiġi pprovduta aktar trasparenza fis-suq tal-kreditu u jiġi kumbattut id-dejn eċċessiv, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ftehimiet ta' kreditu kollha jkunu rreġistrati f'bażijiet tad-data.

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom

1. L-Istati Membri għandhom

jirrikjedu li l-ftehimiet ta' kreditu jew il-ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jitfasslu fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor u li l-partijiet kontraenti kollha jingħataw kopja tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

jirrikjedu li l-ftehimiet ta' kreditu jew il-ftehimiet għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jitfasslu fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor ***magħżul mill-konsumatur*** u li l-partijiet kontraenti kollha jingħataw kopja tal-ftehim ta' kreditu jew tal-ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda 100

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(va) id-dettalji rilevanti ta' kuntatt ta' servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn u rakkomandazzjoni għall-konsumatur biex jikkuntattja tali servizzi f'każ ta' diffikultajiet bil-ħlas lura.

Emenda 101

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex il-konsumaturi jirċievu ftehimiet ta' kreditu aktar komparabbli, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-EBA, għandha tadotta standards tekniċi regolatorji dwar il-preżentazzjoni tal-informazzjoni tal-ftehim kuntrattwali. Dawk l-istandards għandhom jiġu rieżaminati fuq bażi regolari f'konsultazzjoni mal-EBA.

Emenda 102

Proposta għal direttiva

Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

3a. Fil-każ ta' ftehimiet ta' kreditu fil-forma ta' faċilitajiet ta' overdraft fejn il-kreditu għandu jitħallas lura fuq talba jew fi żmien xahar, dan li ġej għandu jkun speċifikat b'mod ċar u konċiż:

(a) it-tip ta' kreditu;

(b) l-identitajiet u l-indirizzi ġeografiċi tal-partijiet kontraenti kif ukoll, jekk applikabbli, l-identità u l-indirizz ġeografiku tal-intermedjarju tal-kreditu involut;

(c) it-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu;

(d) l-ammont totali tal-kreditu u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ġbid tal-kreditu;

(e) ir-rata tas-self, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni tar-rata tas-self u, fejn disponibbli, kwalunkwe indiċi jew rata ta' referenza applikabbli għar-rata inizjali tas-self, kif ukoll il-perjodi, il-kundizzjonijiet u l-proċedura għal bidla fir-rata tas-self u, jekk japplikaw rati tas-self differenti f'ċirkostanzi differenti, l-informazzjoni msemmija hawn fuq fir-rigward tar-rati applikabbli kollha;

(f) ir-rata perċentwali annwali ta' imposta u l-kost totali tal-kreditu għall-konsumatur, ikkalkulati meta jiġi konkluż il-ftehim ta' kreditu; is-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu ta' dik ir-rata skont l-Artikolu 19(2) flimkien mal-Artikolu 3(g) u (i) għandhom jissemmew; l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-rata perċentwali annwali ta' imposta ma għandhiex għalfejn tiġi pprovduta;

(g) indikazzjoni li l-konsumatur jista' jintalab iħallas lura l-ammont totali tal-kreditu fi kwalunkwe ħin;

(h) il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' rtirar mill-ftehim ta' kreditu; u

(i) *informazzjoni rigward l-imposti applikabbli minn meta jiġu konklużi tali ftehimiet u, jekk applikabbli, il-kundizzjonijiet li skonthom dawk l-imposti jistgħu jinbidlu.*

Emenda 103

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinforma lill-konsumatur bi kwalunkwe bidla fir-rata tas-self, fuq karta jew mezz durabbli ieħor, qabel ma l-bidla tidħol fis-seħħ.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jew il-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jinforma lill-konsumatur bi kwalunkwe bidla fir-rata tas-self, fuq karta jew mezz durabbli ieħor ***magħżul mill-konsumatur, mill-inqas jumejn*** qabel ma l-bidla tidħol fis-seħħ.

Emenda 104

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-informazzjoni dwar ir-rata ta' referenza l-ġdida tkun disponibbli wkoll fil-bini tal-kreditur jew tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda

(d) l-informazzjoni dwar ir-rata ta' referenza l-ġdida tkun disponibbli wkoll fil-bini ***u fuq is-sit web*** tal-kreditur jew tal-fornitur ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.

Emenda 105

Proposta għal direttiva Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Ir-rati varjabbli ta' self ma għandhomx jaqbżu l-limiti massimi tar-rata perċentwali annwali ta' imposta ddefiniti mil-liġi, skont din id-direttiva.

Emenda 106

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta kreditu jkun ingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur, matul it-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu, iżomm lill-konsumatur infurmat regolarment permezz ta' **rendikont**, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, li jkun fih l-elementi li ġejjin:

Emenda

1. Meta kreditu jkun ingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur, matul it-tul ta' żmien kollu tal-ftehim ta' kreditu, iżomm lill-konsumatur infurmat regolarment - **kif ikun ġie deċiż mill-konsumatur iżda mhux aktar spiss minn darba fix-xahar** - permezz ta' **rendikonti**, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur**, li jkun fih l-elementi li ġejjin:

Emenda 107

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta kreditu jkun ingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinforma lill-konsumatur, fuq karta jew mezz durabbli ieħor, b'żidiet fir-rata tas-self jew fi kwalunkwe imposta pagabbli, qabel ma tidħol fis-seħħ il-bidla inkwistjoni.

Emenda

Meta kreditu jkun ingħata fil-forma ta' faċilità ta' overdraft, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinforma lill-konsumatur, fuq karta jew mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur**, b'żidiet fir-rata tas-self jew fi kwalunkwe imposta pagabbli, **mill-inqas jumejn tax-xogħol** qabel ma tidħol fis-seħħ il-bidla inkwistjoni.

Emenda 108

Proposta għal direttiva Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-każ ta' ftehim għall-ftuħ ta' kont kurrenti, fejn ikun hemm possibbiltà li l-konsumatur jingħata overrun, l-Istati

Emenda

1. Fil-każ ta' ftehim għall-ftuħ ta' kont kurrenti, fejn ikun hemm possibbiltà li l-konsumatur jingħata overrun, l-Istati

Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinkludi tali informazzjoni f'dak il-ftehim, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2), **il-punti** (e). Il-kreditur għandu fi kwalunkwe każ jipprovdi lill-konsumatur b'din l-informazzjoni fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor fuq bażi regolari.

Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinkludi tali informazzjoni f'dak il-ftehim, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2), **il-punt** (e). Il-kreditur għandu fi kwalunkwe każ jipprovdi lill-konsumatur b'din l-informazzjoni fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur** fuq bażi regolari.

Emenda 109

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ ta' overrunning **sinifikanti** li jaqbeż perjodu ta' **xahar**, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinforma lill-konsumatur mingħajr dewmien, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor, dwar dawn kollha li ġejjin:

Emenda

Fil-każ ta' overrunning li jaqbeż perjodu ta' **għimaghtejn**, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-kreditur jinforma lill-konsumatur mingħajr dewmien, fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor **magħżul mill-konsumatur**, dwar dawn kollha li ġejjin:

Emenda 110

Proposta għal direttiva

Artikolu 25 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-Istati Membri għandhom jadottaw limitu massimu fuq ir-rati perċentwali annwali ta' imposti possibbilment applikabbli għall-overrunning. Imposti addizzjonali f'tali ċirkostanzi għandhom jiġu pprojbiti. Il-limitu massimu msemmi hawn fuq u l-fatt li imposti addizzjonali huma pprojbiti għandhom jiġu kkomunikati kif xieraq lill-pubbliku mill-Istati Membri.

Emenda 111

Proposta għal direttiva

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) mill-jum li fih il-konsumatur jirċievi ***t-termini u l-kundizzjonijiet*** u l-informazzjoni ***kuntrattwali*** f'konformità mal-Artikoli 20 u 21, jekk dak il-jum ikun aktar tard mid-data msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Emenda

(b) mill-jum li fih il-konsumatur jirċievi l-informazzjoni ***dwar id-dritt ta' rtirar*** f'konformità mal-Artikoli 20 u 21, jekk dak il-jum ikun aktar tard mid-data msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Emenda 112

**Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. F'każ li l-kreditur ikun naqas b'mod sostanzjali milli jipprovdi lill-konsumatur bl-informazzjoni meħtieġa dwar id-dritt ta' rtirar skont l-Artikolu 21(1), il-perjodu ta' rtirar għandu jiskadi sena u 14-il jum wara l-bidu kif speċifikat fl-Artikolu 26(1).

Emenda 113

**Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 4 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) ***il-kreditur jista' jitlob eċċezzjonalment kumpens ogħla jekk ikun jista' juri li t-telf imġarrab minħabba l-ħlas lura antiċipat jaqbeż l-ammont iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2.***

imħassar

Emenda 114

**Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rata perċentwali annwali ta' imposta għandha tqis ukoll il-kostijiet u l-imposti għal assigurazzjoni addizzjonali jew prodotti finanzjarji oħra li jinbiegħu mal-prodott ta' kreditu.

Emenda 115

Proposta għal direttiva

Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-EBA għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-limiti massimi fuq ir-rata perċentwali annwali ta' imposta, il-kost totali tal-kreditu lill-konsumatur u r-rati tal-imgħax biex il-konverġenza superviżorja tiġi żgurata u mrawma fl-Unjoni kollha.

Fl-iżvilupp tal-istandards, l-EBA għandha tqis ċerti speċifitàjiet nazzjonali inklużi l-limiti massimi attwali.

Qed tiġi delegata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Emenda 116

Proposta għal direttiva

Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1 titqies issodisfata billi hemm leġiżlazzjonijiet nazzjonali diġà fis-seħħ li jstabbilixxu limiti massimi fuq waħda mill-għażliet

elenkati fil-punti a, b, c.

Emenda 117

**Proposta għal direttiva
Artikolu 31a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 31a

Self ambjentalment sostenibbli

1. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li mingħajr preġudizzju għall-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva, għadd kbir ta' kredituri joffru bħala parti mill-portafolli tagħhom prodotti ta' kreditu għall-konsumatur ambjentalment sostenibbli.

2. L-EBA għandha twettaq stħarriġ tal-prodotti ta' kreditu għall-konsumatur ambjentalment sostenibbli offruti għall-bejgħ madwar l-Unjoni. Abbażi ta' dan, l-EBA, flimkien mal-partijiet ikkonċernati mill-industrija u r-rappreżentanti tal-konsumaturi u tal-ambjent, għandha tiżviluppa firxa ta' prodotti ta' kreditu għall-konsumatur standardizzati ambjentalment sostenibbli, ibbażati fuq kriterji konsistenti mat-tassonomija tal-Unjoni dwar finanzi sostenibbli.

Emenda 118

**Proposta għal direttiva
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e a) il-promozzjoni tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi koperti bi ftehim ta' kreditu konness.

Emenda 119

Proposta għal direttiva
Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom - bħala regola ġenerali - jipprojbixxu politiki ta' remunerazzjoni kontinġenti fuq ir-rata tal-imgħax jew il-kost tal-kreditu jew it-tip ta' prodotti ta' kreditu sottoskritti.

Emenda 120

Proposta għal direttiva
Artikolu 32 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħtu servizzi ta' konsulenza, l-istruttura tar-remunerazzjoni tal-persunal involut ma tippreġudikax il-kapaċità tagħhom li jaġixxu fl-aħjar interess tal-konsumatur u ma tkunx kontinġenti fuq il-miri tal-bejgħ. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu wkoll il-kummissjonijiet ***imħallsa*** mill-kreditur lill-intermedjarju tal-kreditu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv jagħtu servizzi ta' konsulenza, l-istruttura tar-remunerazzjoni tal-persunal involut ma tippreġudikax il-kapaċità tagħhom li jaġixxu fl-aħjar interess tal-konsumatur u ma tkunx kontinġenti fuq il-miri tal-bejgħ. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu wkoll il-kummissjonijiet ***jew kwalunkwe forma speċifika oħra ta' kumpens, monetarju jew mhux monetarju, kontinġenti fuq l-għadd jew il-proporzjon ta' applikazzjonijiet jew ta' applikazzjonijiet aċċettati għal kreditu mħallsa*** mill-kreditur lill-intermedjarju tal-kreditu.

Emenda 121

Proposta għal direttiva
Artikolu 32 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda mġiba jew prattika ma

Emenda 122

Proposta għal direttiva Artikolu 33 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw meta l-forniment tal-ftehim ta' kreditu jkun purament servizz anċillari.

Emenda 123

Proposta għal direttiva Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri li jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' teħid ta' self responsabbli u l-immaniġġjar tad-dejn, b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur. Għandha tingħata informazzjoni ċara u ġenerali dwar il-proċess tal-ġhoti ta' kreditu lill-konsumaturi sabiex jiġu ggwidati, b'mod partikolari dawk li jieħdu kreditu għall-konsumatur għall-ewwel darba, u speċjalment fuq l-ġhodod diġitali.

L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri li jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' teħid ta' self responsabbli u l-immaniġġjar tad-dejn, b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet ta' kreditu għall-konsumatur, **u ta' għarfien ġenerali dwar l-immaniġġjar ta' baġit.** Għandha tingħata informazzjoni ċara u ġenerali dwar il-proċess tal-ġhoti ta' kreditu lill-konsumaturi sabiex jiġu ggwidati, b'mod partikolari dawk li jieħdu kreditu għall-konsumatur għall-ewwel darba, u speċjalment fuq l-ġhodod diġitali.

Emenda 124

Proposta għal direttiva Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-

L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-

kredituri ***jkollhom politiki u proċeduri adegwati sabiex jagħmlu sforzi biex***, fejn xieraq, jeżerċitaw tolleranza raġonevoli ***qabel ma jinbdew il-proċedimenti ta' infurzar***. Tali miżuri ta' tolleranza għandhom iqisu, fost elementi oħra, iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u ***jistgħu*** jinkludu, ***fost possibbiltajiet oħra***:

kredituri, fejn xieraq, jeżerċitaw tolleranza raġonevoli. Tali miżuri ta' tolleranza għandhom iqisu, fost elementi oħra, iċ-ċirkostanzi tal-konsumatur u jinkludu:

Emenda 125

Proposta għal direttiva

Artikolu 35 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(b) modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet eżistenti ta' ftehim ta' kreditu, li ***jistgħu*** jinkludu fost l-oħrajn:

Emenda

(b) modifika tat-termini u l-kundizzjonijiet eżistenti ta' ftehim ta' kreditu, li ***għandhom*** jinkludu fost l-oħrajn:

Emenda 126

Proposta għal direttiva

Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-lista ta' miżuri ***potenzjali*** fil-paragrafu 1, il-punt (b), hija mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fid-dritt nazżjonali u ma tirrikjedix li l-Istati Membri jipprevedu dawk il-miżuri kollha fid-dritt nazżjonali.

Emenda

2. Il-lista ta' miżuri fil-paragrafu 1, il-punt (b), hija mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fid-dritt nazżjonali u ma tirrikjedix li l-Istati Membri jipprevedu dawk il-miżuri kollha fid-dritt nazżjonali.

Emenda 127

Proposta għal direttiva

Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-kredituri jimponu imposti addizzjonali fuq il-konsumatur fil-każ ta' inadempjenza.***

Emenda

imħassar

F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jintroduċu limitu massimu fuq dawk l-imposti.

Emenda 128

**Proposta għal direttiva
Artikolu 35 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-EBA għandha tiżviluppa l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-applikazzjoni tal-miżuri ta' tolleranza speċifiki f'dan l-Artikolu.

Emenda 129

**Proposta għal direttiva
Artikolu 36 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn ikunu disponibbli għall-konsumaturi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn ikunu disponibbli għall-konsumaturi. **Tali servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn għandhom ikunu indipendenti u mingħajr ħlas għall-konsumaturi.**

Emenda 130

**Proposta għal direttiva
Artikolu 36 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha fi żmien sentejn wara l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tipproduċi rapport li jagħti stampa ġenerali tad-disponibbiltà tas-servizzi ta' konsulenza dwar id-dejn madwar l-Istati Membri.

Emenda 131

Proposta għal direttiva Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li mhumiex istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunu soġġetti għal proċess ta' ammissjoni adegwat u għal arranġamenti ta' reġistrazzjoni u superviżjoni stabbiliti minn awtorità kompetenti indipendenti.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kredituri, l-intermedjarji tal-kreditu u l-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li mhumiex istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikunu soġġetti għal proċess ta' ammissjoni adegwat u għal arranġamenti ta' reġistrazzjoni u superviżjoni stabbiliti minn awtorità kompetenti indipendenti. ***Filwaqt li dak ir-rekwiżit ma għandux ikun applikabbli fejn il-forniment tal-ftehim ta' kreditu jkun purament servizz anċillari, il-livell Ewropew xieraq għandu jissorvelja l-effiċjenza tal-ammissjoni, tar-reġistrazzjoni u tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet mhux tal-kreditu fuq bażi regolari.***

Emenda 132

Proposta għal direttiva Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur, fil-każ ta' ċessjoni lil parti terza tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jew tal-ftehim innifsu, ikun intitolat li jinvoka kontra ċ-ċessjonarju kwalunkwe difiża li kienet disponibbli għalih kontra l-kreditur oriġinali, inkluż tpaċija fejn tali difiża tkun permessa fl-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur, fil-każ ta' ċessjoni lil parti terza tad-drittijiet tal-kreditur skont ftehim ta' kreditu jew ftehim għall-provvista ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv, jew tal-ftehim innifsu, ikun intitolat li jinvoka kontra ċ-ċessjonarju kwalunkwe difiża li kienet disponibbli għalih kontra l-kreditur oriġinali, inkluż tpaċija fejn tali difiża tkun permessa fl-Istat Membru kkonċernat. ***L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu b'mod espliċitu ċ-ċessjoni ta' kreditu li ma jkunx jista' jiġi rkuprat aktar fi proċedimenti***

*legali jew fejn il-bażi ġuridika tal-kreditu
ma tkunx tista' tintwera aktar.*

Emenda 133

**Proposta għal direttiva
Artikolu 40 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Il-parteciċipazzjoni ta' kredituri, intermedjarji tal-kreditu u fornituri ta' servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv f'mekkaniżmi għas-soluzzjoni barra mill-qorti tat-tilwim għal klijenti ta' unitajiet domestiċi għandha tkun obbligatorja dment li l-Istat Membru ma jurix lill-Kummissjoni li mekkaniżmi oħra huma ugwalment effettivi.

Emenda 134

**Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 8a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. L-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti għandhom jiġbru d-data dwar ir-rati ta' inadempjenza ta' prodotti ta' kreditu mibjugħa skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jirrapportawhom lill-EBA. L-EBA għandha ttiprovdi rapport annwali lill-Kummissjoni dwar dawn ir-rati ta' inadempjenza, li għandu jkun disponibbli għall-pubbliku u li janalizza r-rati ta' inadempjenza tal-prodotti ta' kreditu koperti b'din id-Direttiva skont il-kategorija u l-pajjiż.

Emenda 135

**Proposta għal direttiva
Artikolu 41 – paragrafu 8b (ġdid)**

8b. L-Istati Membri jistgħu jagħtu, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, setgħat ta' intervent fir-rigward tal-prodotti, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

Emenda 136

Proposta għal direttiva Artikolu 44 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkollhom jiġu imposti penali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/2394, huma jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti multi permezz ta' proċeduri amministrattivi jew li jinbdew proċedimenti legali sabiex jiġu imposti multi, jew it-tnejn li huma, fejn l-ammont massimu ta' tali multi jkun mill-inqas **4 %** tal-fatturat annwali tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Istati Membri kkonċernati minn azzjoni ta' infurzar kordinata.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkollhom jiġu imposti penali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/2394, huma jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti multi permezz ta' proċeduri amministrattivi jew li jinbdew proċedimenti legali sabiex jiġu imposti multi, jew it-tnejn li huma, fejn l-ammont massimu ta' tali multi jkun mill-inqas **3 %** tal-fatturat annwali tal-kreditur, tal-intermedjarju tal-kreditu jew tal-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv fl-Istati Membri kkonċernati minn azzjoni ta' infurzar kordinata.

Emenda 137

Proposta għal direttiva Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Id-Direttiva 2008/48/KE għandha tkompli tapplika wkoll għal **kuntratti** ta' kreditu eżistenti fi [OP: daħħal id-data - **sitt** xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni] sa [it-terminazzjoni tagħhom].

Emenda

Id-Direttiva 2008/48/KE għandha tkompli tapplika wkoll għal **ftehimiet** ta' kreditu eżistenti fi [OP: **jekk jogħġbok** daħħal id-data - **disa'** xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni] sa [it-terminazzjoni tagħhom].

Emenda 138

Proposta għal direttiva Artikolu 47 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, l-Artikoli 23 u 24, l-Artikolu 25(1), it-tieni sentenza, l-Artikolu 25(2) u l-Artikoli 28 u 39 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-ftehimiet kollha ta' kreditu bla skadenza fissa eżistenti fi [OP: daħħal id-data - *sitt* xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Emenda

Madankollu, l-Artikoli 23 u 24, l-Artikolu 25(1), it-tieni sentenza, l-Artikolu 25(2) u l-Artikoli 28 u 39 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-ftehimiet kollha ta' kreditu bla skadenza fissa eżistenti fi [OP: *jekk jogħġbok* daħħal id-data - *disa'* xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Emenda 139

Proposta għal direttiva Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [OP: daħħal id-data - 24 xhar mid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [OP: daħħal id-data - *sitt* xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Emenda

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [OP: *jekk jogħġbok* daħħal id-data - 24 xhar mid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [OP: *jekk jogħġbok* daħħal id-data - *disa'* xhur mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Emenda 140

Proposta għal direttiva Artikolu 48 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, fir-rigward tar-relazzjonijiet, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-

Emenda

Madankollu, fir-rigward tar-relazzjonijiet, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-

Direttiva, bejn il-konsumaturi u l-kredituri jew l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jikkwalifikaw bħala **impriżi mikro**, żgħar u medji kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [OP: daħħal id-data - **18-il** xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Direttiva, bejn il-konsumaturi u l-kredituri jew l-intermedjarji tal-kreditu jew il-fornituri tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv li jikkwalifikaw bħala **mikroimpriżi, kif ukoll dawk** żgħar u medji kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE, l-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [OP: **jekk jogħġbok** daħħal id-data - **24** xahar mill-iskadenza tat-traspożizzjoni].

Emenda 141

Proposta għal direttiva Anness I – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**INFORMAZZJONI EWLENIJA DWAR
IL-KREDITU**
*(l-ewwel paġna tal-Informazzjoni
Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-
Konsumatur (SECCI))*

<i>L-ammont totali tal-kreditu</i>	
<i>Dan ifisser il-limitu massimu jew is-somom totali magħmula disponibbli f'konformità mal-ftehim ta' kreditu jew mal-ftehim għall-forniment tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv.</i>	
<i>It-tul ta' żmien tal-ftehim ta' kreditu jew tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv</i>	
<i>Ir-rata tas-self jew, fejn applikabbli, ir-rati</i>	<i>[% — fissa, jew</i>

<p><i>tas-self differenti li japplikaw għall-ftehim ta' kreditu jew għas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv</i></p>	<p>— varjabbli (bl-indiċi jew bir-rata ta' referenza applikabbli għar-rata tas-self inizjali), — perjodi]</p>
<p><i>Rata perċentwali annwali ta' imposta (RPAI)</i></p> <p><i>Dan huwa l-kost totali espress bħala perċentwal annwali tal-ammont totali tal-kreditu.</i></p> <p><i>Ir-rata perċentwali annwali ta' imposta (RPAI) qiegħda biex tgħinek tqabbel offerti differenti.</i></p>	<p>[% Hawn għandu jiġi ppreżentat eżempju rappreżentattiv li jsemmi s-suppożizzjonijiet kollha użati għall-kalkolu tar-rata perċentwali annwali ta' imposta]</p>
<p><i>Fejn applikabbli</i></p> <p><i>Il-kreditu jingħata fil-forma ta' ħlas differit għal oġġett jew servizz jew ikun marbut mal-provvista ta' oġġetti speċifiċi jew il-forniment ta' servizz</i></p> <p><i>Isem l-oġġett/is-servizz</i></p> <p><i>Prezz fi flus kontanti</i></p>	
<p><i>Kostijiet tal-ħlasijiet tard</i></p> <p><i>Ħlasijiet nieqsa jista' jkollhom konsegwenzi serji għalik (pereżempju, bejgħ furzat) u jagħmluha aktar</i></p>	<p><i>Ikollok tħallas [... (ir-rata tal-imgħax applikabbli u arranġamenti għall-aġġustament tagħha u, fejn applikabbli, imposti minħabba inadempjenza)] għall-ħlasijiet</i></p>

<i>diffiċli għalik biex tikseb kreditu fil-futur.</i>	<i>tard.</i>
<i>Il-kost totali tal-kreditu</i>	

Kull fejn ikun hemm indikat "fejn applikabbli", il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv irid jimla l-kaxxa jekk l-informazzjoni tkun rilevanti għall-prodott ta' kreditu, jew iħassar l-informazzjoni jew ir-ringiela kollha fejn l-informazzjoni ma tkunx rilevanti għat-tip ta' kreditu kkonċernat.

L-indikazzjonijiet bejn il-parentesi kwadri jipprovdu spjegazzjonijiet għall-kreditur jew għall-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' finanzjament kollettiv u jridu jiġu sostitwiti bl-informazzjoni korrispondenti.

*Din il-formola trid tidher fuq paġna waħda fuq in-naħa ta' fuq tal-formola tal-**Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu għall-Konsumatur**, tkun tista' tingara b'mod ċar u tiġi adattata biex tqis ir-restrizzjonijiet tekniċi tal-mezzi li fuqhom tkun qed tintwera.*

L-ewwel paġna għandha tiġi ppreżentata f'forma grafika, jekk possibbli. L-abbozz ta' standards regolatorji li jispeċifikaw il-format u l-preżentazzjoni għandhom jiġu żviluppati mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

Emenda 142

Proposta għal direttiva Anness II

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**INFORMAZZJONI STANDARD
EWROPEA DWAR IL-KREDITU
GĦALL-KONSUMATUR**

imħassar

[...]

Kull fejn ikun indikat "fejn applikabbli", il-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' crowdfunding irid jimla l-kaxxa jekk l-informazzjoni tkun rilevanti għall-prodott ta' kreditu, jew iħassar l-informazzjoni jew ir-ringiela kollha fejn l-informazzjoni ma tkunx rilevanti għat-tip ta' kreditu kkonċernat.

L-indikazzjonijiet bejn parentesi kwadri jipprovdu spjegazzjonijiet għall-kreditur jew il-fornitur tas-servizzi ta' kreditu ta' crowdfunding u jridu jiġu sostitwiti bl-informazzjoni korrispondenti.

Il-Ħarsa Ġenerali Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur għandha tintwera fuq paġna waħda fuq nett fil-formola ta' Informazzjoni Standard Ewropea dwar il-Kreditu lill-Konsumatur, tkun tista' tingara b'mod ċar u tiġi adattata biex tieħu kont tar-restrizzjonijiet tekniċi tal-midja li fuqha tintwera.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Krediti għall-konsumatur	
Referenzi	COM(2021)0347 – C9-0244/2021 – 2021/0171(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 8.7.2021	
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 8.7.2021	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marek Belka 1.9.2021	
Eżami fil-kumitat	7.2.2022	21.3.2022
Data tal-adozzjoni	28.4.2022	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	44 4 9
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Gunnar Beck, Marek Belka, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Carlo Calenda, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Luis Garicano, Claude Gruffat, Enikő Győri, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtos, Aurore Lalucq, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Dimitrios Papadimoulis, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Dragoş Pîslaru, Evelyn Regner, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtasun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni, Roberts Zīle	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Nicolaus Fest, Henrike Hahn, Eugen Jurzyca, Chris MacManus, Mick Wallace	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

44	+
ID	France Jamet, Marco Zanni
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Georgios Kyrtos, Aušra Maldeikienė, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Sirpa Pietikäinen, Ralf Seekatz, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Carlo Calenda, Engin Eroglu, Luis Garicano, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Dragoş Pîslaru, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Marek Belka, Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Claude Gruffat, Henrike Hahn, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun

4	-
ECR	Dorien Rookmaker
ID	Gunnar Beck, Nicolaus Fest
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos

9	0
ECR	Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Johan Van Overtveldt, Roberts Zīle
NI	Enikő Győri
The Left	Chris MacManus, Dimitrios Papadimoulis, Mick Wallace
Verts/ALE	Stasys Jakeliūnas

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni